9d. L-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 importati lejn l-Ungerija skont l-eżenzjoni fil-paragrafu 9c ma għandhomx jinbiegħu lil xerrejja li jinsabu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

▼M52

9e. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2501, 2517, 2522, 2530, 2620, 2815, 2833, 2916, 2926, 4016, 7403, 7404, 7406 u 7610, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Lulju 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' April 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M54

9f. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3803, 7006, 7008, 7009, 7011, 7013, 7014, 7017, 7018, 7020, 8707 u 8708, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Ottubru 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Lulju 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M39

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti, jew l-għoti ta' għajnuna teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni rilevanti fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8471, 8523, 8536 u 9027, kif elenkati fl-Anness XXVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti huma komponenti ta' apparati mediċi u jiddaħħlu fl-Unjoni għall-fini ta' manutenzjoni, tiswija jew ritorn ta' partijiet difettużi.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼**M39**

Artikolu 2rb

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, jekk joriġina mill-Belarussja u ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara l-1 ta' Lulju 2024.

2. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' prodotti pproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora l-prodotti pprojbiti fil-paragrafu 1.

3. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness XXII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jekk joriġina mill-Belarussja u jkun ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni wara l-1 ta' Lulju 2024.

4. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal deheb li huwa neċessarju għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għal ġojjellerija tad-deheb għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

7. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' beni kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

8. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

▼M39

Artikolu 2rc

1. Mill-1 ta' Lulju 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, jekk joriġinaw mill-Belarussja jew ġew esportati mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn xi pajjiż terz.

2. Mill-1 ta' Lulju 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, ta' kwalunkwe oriġini, jekk ikunu għaddew mit-territorju tal-Belarussja.

3. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 sa 2, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għad-djamanti jew għal prodotti li fihom id-djamanti għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew tal-membri tal-familja immedjata tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' beni kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

6. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

▼M28

Artikolu 2s

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' ċertu makkinarju kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-makkinarju msemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

▼M28

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-makkinarju msemmi fil-paragrafu 1, jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

▼M28

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-użu temporanju mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur;

(f) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Belarussja għajr għall-gvern u għall-impriżi tiegħu li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern; jew

(g) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punti (f) u (g), fid-dikjarazzjoni doganali tiegħu l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f'dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa għandu r-residenza jew huwa stabbilit dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum minn dik l-ewwel esportazzjoni.

▼M42

_____

▼M39

3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija imsemmija fih, jew il-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, wara li jkunu ddeterminaw li huwa maħsub għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, l-Istati Membri, u l-pajjiżi sħab, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

▼M54

3aa. B'deroga mill-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-makkinarju li jaqa' taħt il-kodiċi NM 8471 80 jew il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu stabbilew li tali makkinarju jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu intenzjonati għal networks ta' komunikazzjoni elettronika ċivili.

▼M48

3ab. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Anness XIVa tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma meħtieġa:

▼M48

(a) għal skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja; jew

(c) għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid ta' fjuwil u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

▼M42

3b. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 3a u 3aa fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M28

4. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li jkunu koperti minn dan l-Artikolu.

▼M36

Artikolu 2sa

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, tal-oġġetti u t-teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

▼M36

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, direttament jew indirettament, fir-rigward ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom: tiġdid, tiswija, spezzjoni, sostituzzjoni, modifika jew rettifika ta' difett ta' inġenju tal-ajru jew komponent, bl-eċċezzjoni ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fir-Belarussja.

▼M39

4. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

▼M39

(b) l-għoti ta’ finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-forniment ta’ assistenza teknika relatata, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti tad-drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta’ kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta’ drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M42

_____

▼M36

6. B’deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-eżekuzzjoni ta’ kera finanzjarja ta’ inġenju tal-ajru konkluża qabel il-5 ta’ Awwissu 2023 wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tkun strettament neċessarja biex tiżgura ripagamenti ta’ kiri lil persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mill-miżuri restrittivi previsti f’din id-Deċiżjoni; u

(b) l-ebda riżorsa ekonomika mhi ser tkun disponibbli għall-kontroparti tal-Belarussja, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sjieda tal-inġenju tal-ajru wara rimborż sħiħ tal-kirja finanzjarja.

▼M39

6a. B’deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew għajnuna teknika relatata, servizzi ta’ senserija, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li huma meħtieġa għall-produzzjoni ta’ oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.

6b. B’deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-forniment ta’ assistenza teknika, relatata mal-użu tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta’ tali assistenza teknika hija meħtieġa biex tiġi evitata kolliżjoni bejn satelliti, jew id-dħul mill-ġdid mhux intenzjonat tagħhom fl-atmosfera.

▼M36

7. B’deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b’tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8517 71 00, 8517 79 00 u 9026 00 00, jew għajnuna teknika, servizzi ta’ senserija, finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa neċessarju għal finijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew il-faċilitazzjoni tat-twassil ta’ assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta’ ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet.

▼M36

Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet għal finijiet mediċi, farmaċewtiċi jew umanitarji f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari.

▼M39

7a. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali msemmija fil-paragrafu 1, wara li jkunu ddeterminaw li dawn l-oġġetti jew it-teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafi 6a, 6b u 7.

7b. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jekk l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fittul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja.

▼M36

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

9. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2c(4), il-punt (b), u 2d(4), il-punt (b).

10. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4, il-punt (a), ma għandhiex tapplika għall-iskambju ta' informazzjoni bil-għan li jiġu stabbiliti standards tekniċi fil-qafas tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1.

11. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

▼M29

Artikolu 2t

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għal kummerċ mal-Belarussja jew għal investiment fil-Belarussja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) impenji ta' finanzjament vinkolanti jew ta' assistenza finanzjarja stabbiliti qabel l-10 ta' Marzu 2022;

▼M42

_____

▼M29

(c) l-għoti ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għal kummerċ fl-ikel u għal skopijiet agrikoli, mediċi jew umanitarji.

▼M42

3. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-provvista ta’ finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja sal-valur totali ta’ EUR 10 000 000 għal kull proġett li minnu jibbenefikaw intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju stabbiliti fl-Unjoni.

4. L-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M29

Artikolu 2u

▼M42

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat kwalunkwe depożitu minn ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja jew persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni u li d-drittijiet ta’ proprjetà tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta’ ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja għal iktar minn 50 %, jekk il-valur totali tad-depożiti tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull istituzzjoni ta’ kreditu jaqbeż l-EUR 100 000.

▼M48

1a. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, tas-servizzi li ġejjin lil ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja:

(a) servizzi tal-kriptoassi, kif definit fir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) ħruġ ta’ strumenti ta’ pagament, il-kisba ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament, jew servizzi ta’ bidu ta’ pagament, kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(c) ħruġ ta’ flus elettroniċi, kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

▼M54

1b. Għandu jkun ipprojbit mis-26 ta’ Marzu 2025 li ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja jkunu permessi li direttament jew indirettament ikollhom is-sjieda jew jikkontrollaw, jew li jokkupaw kwalunkwe kariga fil-korpi ta’ tmexxija ta’, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru u li jkunu qed jipprovdu servizzi ta’ kartiera, kontijiet jew kustodja ta’ kriptoassi.. Mill-25 ta’ Awwissu 2026, dik il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għall-każ ta’ persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru u li jipprovdu servizzi ta’ kriptoassi,, kif definiti fir-Regolament (UE) 2023/1114.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

([3]) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.)

▼M29

2. ►M42 il-Paragrafi 1, 1a, u 1b ◄ ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, ta’ pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f’pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

▼M42

_____

▼M48

4. B’deroga mill-paragrafi (1) u (1a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta’ tali depożitu jew il-forniment ta’ tali servizz, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta’ tali depożitu jew il-forniment ta’ tali servizz huwa:

(a) meħtieġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-paragrafu 1 u l-membri dipendenti tal-familja tagħhom, inkluż pagamenti għall-ikel, il-kera jew l-ipoteka, għal mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta’ servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta’ tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta’ spejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta’ servizzi legali;

(c) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

(d) meħtieġa għal skopijiet uffiċjali ta’ missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali;

(e) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta’ tariffi jew imposti ta’ servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta’ rutina ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(f) meħtieġa għall-kummerċ transfruntier mhux ipprojbit ta’ oġġetti u servizzi bejn l-Unjoni u l-Belarussja

4a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a, il-punti (b) u (c), ma għandhiex tapplika għall-forniment ta’ kredenzjali personalizzati ta’ sigurtà meħtieġa biex jiġi aċċessat kont ma’ istituzzjoni ta’ kreditu jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi stabbilita fi Stat Membru jew pajjiż kif elenkat fl-Anness IVa.

4b. B’deroga mill-paragrafu 1a, il-punti (b) u (c), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta’ tali servizz, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun meħtieġ għall-użu esklużiv ta’ persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta’, jew ikkontrollati biss jew b’mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru jew ta’ pajjiż kif elenkat fl-Anness IVa.

4c. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4, il-punti (a), (b), (d), (e) jew (f), u l-paragrafu 4b fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M48

5. B'deroga mill-Artikoli 2u(1) u (1a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz huwa meħtieġ għal:

▼M29

(a) meħtieġa għal skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet; jew

(b) meħtieġa għal attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 2v

1. Għandu jkun ipprojbit li d-depożitorji ċentrali tat-titoli tal-Unjoni jipprovdu kwalunkwe servizz kif definit fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għal titoli trasferibbli maħruġa wara t-12 ta' April 2022 lil kwalunkwe ċittadin Belarussu jew lil kwalunkwe persuna fiżika li tirrisjedi fil-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

Artikolu 2w

▼M30

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta' titoli trasferibbli denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru maħruġa wara t-12 ta' April 2022 jew unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe ċittadin Belarussu jew lil kwalunkwe persuna fiżika li tirrisjedi fil-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja.

▼M54

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadin ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, jew fl-Iżvizzera.

▼M30

Artikolu 2x

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru lill-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, inkluż il-gvern u il-Bank Ċentrali tal-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

▼M42

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru dment li tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jkunu meħtieġa:

(a) għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja jew ta' membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom;

(b) għall-iskopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi, l-uffiċċji konsulari jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew

(c) għal attivitajiet tas-soċjetà ċivili u tal-media li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni, mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi elenkati fl-Anness Vba tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

▼M32

Artikolu 2y

▼M46

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, b'mod dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness V jew ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness V.

1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet:

(a) li huma meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fil-Belarussja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(b) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tal-Belarussja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022;

▼M48

(c) meħtieġa għall-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom lejn il-Belarussja huma permessi skont din id-Deċiżjoni;

(d) meħtieġa strettament biex jiżguraw l-aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjonil;

▼M48

(e) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

▼M52

(f) meħtieġa biex jaslu l-pagamenti dovuti mill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fl-Anness V skont kuntratti u l-obbligi mwettqa qabel l-24 ta' April 2026.;

(g) strettament meħtieġa għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(h) li huma meħtieġa għall-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet intermedji ffinanzjati mill-istat għall-politika kulturali barranija tal-Istati Membri fil-Belarussja.

▼M46

1b. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mill-Belarussja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja.

▼M32

2. Għal kull persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness V, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika mid-data imsemmija għaliha f'dak l-Anness. Il-projbizzjoni għandha tapplika minn dik l-istess data għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' xi waħda mill-entitajiet elenkati fl-Anness V.

▼M30

Artikolu 2z

1. Għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fil-Belarussja li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

▼M39

1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għat-trasport ta' oġġetti fit-territorju tal-Unjoni minn impriżi tat-trasport bit-triq, imwettaq permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew is-semitrejlers jinġibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra.

▼M42

1b. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni li huma proprjetà ta' 25 % jew aktar ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussi jiġu ammessi biex isiru impriża tat-trasport bit-triq li tittrasporta l-merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

▼M42

Għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni qabel it-8 ta' April 2022 u li diġà tkun impriża tat-trasport bit-triq li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu, milli tagħmel kwalunkwe bidla fl-istruttura kapitali tagħha li żżid is-sehem perċentwali li huwa proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussa, sakemm dak il-perċentwaġġ ma jibqax taħt il-25 % wara tali bidla.

▼M39

1c. Għandu jkun ipprojbit, mit-2 ta' Awwissu 2024 għal kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fl-Unjoni wara t-8 ta' April 2022, li 25 % minnha jew aktar tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussu li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1d. L-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni għandhom, fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom lil dik l-awtorità nazzjonali kompetenti.

▼M30

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal impriżi tat-trasport bit-triq li jittrasportaw il-posta bħala servizz universali.

▼M39

2a. Il-paragrafi 1b u 1c ma għandhomx japplikaw għal impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni li 25 % minnhom jew aktar ikunu proprjetà ta' ċittadini Belarussi li huma wkoll ċittadini ta' Stat Membru jew li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

▼M42

_____

▼M39

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fil-Belarussja jew kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq meta jinġarru permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew is-semitrejlers jinġibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li dak it-trasport huwa meħtieġ għal:

▼M30

(a) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti petrolifiċi raffinati, kif ukoll titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid;

(b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u tal-ikel, inkluż il-qamħ u fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huwa permess skont din id-Deċiżjoni;

▼M30

(c) għal skopijiet umanitarji; jew,

▼M39

(d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari fil-Belarussja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;

▼M30

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M52

Artikolu 2za

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jfittxu, jew jikkooperaw, fl-infurzar barra mill-Unjoni ta' sentenzi li jissodisfaw il-pretensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8h(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi jew li jikkontrollawhom, bl-eċċezzjoni ta' avukati u membri tal-ġudikatura, kif elenkati fl-Anness VII.

2. Sakemm ma jkunux ipprojbiti mod ieħor, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti, li x-xiri, l-importazzjoni u t-trasport tagħhom huma permessi skont din id-Deċiżjoni;

(b) meħtieġa strettament biex jiżguraw l-aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni;

(c) mingħajr preġudizzju għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, strettament meħtieġa biex jiġu rkuprati d-danni skont l-Artikolu 8h tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

Artikolu 2zb

Għandu jkun ipprojbit l-involviment, dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi l-kriptoassi jew il-muniti diġitali tal-bank ċentrali elenkati fl-Anness VIII, jew il-forniment ta' kwalunkwe appoġġ għall-iżvilupp ta' tali kriptoassi jew muniti diġitali tal-banek ċentrali.

Artikolu 2zc

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp li hija entità li tipprovdi servizzi ta' kriptoassi jew li hija pjattaforma li tippermetti l-iskambju jew it-trasferiment ta' kriptoassi u hija stabbilita fil-Belarussja.

▼M52

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet:

(a) li huma meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fil-Belarussja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(b) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti fil-Belarussja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika mill-25 ta' Mejju 2026.

▼B

Artikolu 3

▼M43
▼C10

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, ta' persuni elenkati fl-Anness I li:

(a) huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom b'xi mod ieħor jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja, u kwalunkwe persuna assoċjata magħhom;

(b) jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh;

(c) jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:

(i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew

(ii) it-trasferiment ta' oġġetti pprojbiti u t-trasferiment illegali ta' oġġetti ristretti, inkluż oġġetti perikoluż, fit-territorju ta' Stat Membru;

▼M49

(ca) li jkunu responsabbli għal, jimplimentaw, jappoġġaw, jibbenefikaw minn, ikunu involuti fi jew jiffaċilitaw azzjonijiet jew politiki attribwibbli lir-Repubblika tal-Belarussja li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza;

▼M49

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe azzjoni mmirata kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew immirata biex tinterferixxi ma', tikkawża ħsara lil jew teqred infrastruttura kritika, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi;

(iii) l-ippjanar u d-direzzjoni ta' azzjonijiet mifruxa jew sistematiċi li jfixklu l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, l-involviment dirett jew indirett fihom, l-appoġġ għalihom, jew inkella l-iffaċilitar tagħhom;

(cb) li jkunu persuni fiżiċi li jappoġġaw lill-persuni involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-punt (ca);

▼C10

(d) jiffurmaw parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, jappoġġawh, materjalment jew finanzjarjament, jew jibbenefikaw minnu, inkluż billi jkunu involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-provvista ta' teknoloġija u tagħmir militari;

(e) qed jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew inkella qed ifixklu b'mod sinifikanti dawk id-dispożizzjonijiet; jew

▼M49

(f) li jkunu persuni fiżiċi assoċjati mal-persuni msemmija fil-punti (b), (c), (ca), (d) jew (e).

▼B

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru biex jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux ikun ta' preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'xi obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet;

jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru huwa l-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

▼B

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mil-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat abbażi ta' ħtieġa urġenti umanitarja, jew abbażi tal-attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fil-Bjelorussja.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kunsidrata bħala mogħtija sakemm wieħed mill-Membri tal-Kunsill jew iktar ma jagħmlux oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew t-transitu mit-territorju tiegħu ta' kwalunkwe persuna mniżżla ►**M26** Anness I ◄, l-awtorizazzjoni għandha tkun ristretta għall-għan li għalih tkun ingħatat u għal dik il-persuna kkonċernata b'dan.

Artikolu 4

▼M24

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma minn jew huma kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi elenkati ►**M26** Anness I ◄ li jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ffriżati:

(a) persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja, u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp assoċjati ma' tali persuni, entitajiet jew korpi;

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh,;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:

(i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew

(ii) it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru;

▼M49

(ca) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jkunu responsabbli għal, jimplimentaw, jappoġġaw, jibbenefikaw minn, ikunu involuti fi jew jiffaċilitaw azzjonijiet jew politiki attribwibbli lir-Repubblika tal-Belarussja li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe azzjoni mmirata kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew immirata biex tinterferixxi ma', tikkawża ħsara lil jew teqred infrastruttura kritika, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi;

(iii) l-ippjanar u d-direzzjoni ta' azzjonijiet mifruxa jew sistematiċi li jfixklu l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, l-involviment dirett jew indirett fihom, l-appoġġ għalihom, jew inkella l-iffaċilitar tagħhom;

(cb) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw lill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-punt (ca);

▼M39

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew li b'xi mod ieħor ifixklu b'mod sinifikanti dawk id-dispożizzjonijiet;

▼M42

(da) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffurmaw parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, jappoġġawh materjalment jew finanzjarjament, jew jibbenefikaw minnu, inkluż billi jkunu involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari;

(e) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi li jaqgħu taħt il-punti (a) sa (da);

▼M49

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjali mal-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (b), (c), (ca), (d) jew (da).

▼B

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' tali persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati ►M26 Anness I ◄.

▼M20

Artikolu 5

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' kwalunkwe persuna elenkata ►M26 Anness I ◄ u l-membri tal-familja dipendenti minnha, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jsiru li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lill-Kummissjoni tal-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

(e) biex jitħallsu fi jew jinħargu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

▼M26

(f) maħsuba esklużivament għal:

(i) skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;

(ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali;

(iii) l-operat ta' titjiriet meħtieġa għall-attendenza f'laqgħat bl-objettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew biex jiġu promossi l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi;

(iv) inżul, tlugħ jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE, f'każ ta' emerġenza; jew

▼M20

(g) meħtieġa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti u identifikati b'mod ċar dwar is-sikurezza tal-ajru u wara konsultazzjoni minn qabel tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B

2. L-Artikolu 4(2) m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK jew din id-Deċiżjoni.

u dment li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 4(1) ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Artikolu 4(1) m'għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat milli jagħmel pagament dovut skont kuntratt li kien daħal għalih qabel ma tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ġie elenkat fil-lista, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 4 (1).

▼M26

4. "B"deroga mill-Artikolu 4(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 4 jkunu ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

▼M39

Artikolu 5a

B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, jew il-forniment ta' servizzi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

▼M39

(a) ineħħi l-kontroll ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkat, inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkunu proprjetà ta', jew ikkontrollati minn, dik tal-ewwel; u

(b) jiżgura li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati.

Artikolu 5b

1. B'deroga mill-Artikoli 1b, 2c, 2d, 2db, 2e, 2ea, 2ec, 2s u 2sa, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi Va, VI, XIV, XVII, XVIII, XX, XXIV, u XXV tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mill-Belarussja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti u t-teknoloġiji jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda bażi raġonevoli biex jemmnu li l-oġġetti u t-teknoloġiji jistgħu jkunu għal utent aħħari militari jew ikollhom użu aħħari militari fil-Belarussja; u

(c) l-oġġetti u t-teknoloġiji kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlu fis-seħħ il-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 1b, 2c, 2d, 2db, 2e, 2ea, 2ec, 2s u 2sa fir-rigward ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġiji.

2. B'deroga mill-Artikolu 2f, sa fejn għandhom x'jaqsmu prodotti minerali, u mill-Artikoli 2o, 2p, 2q, 2r, 2ra u 2rb, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Annessi VII, X, XI, XII, XIII, XXI, XXII, u XXVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mill-Belarussja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati b'mod uniku jew konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-oġġetti kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma l-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 2f, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti minerali, jew fl-Artikoli 2o, 2p, 2q, 2r, 2ra u 2rb, daħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dawk l-oġġetti.

▼M39

3. B’deroga mill-Artikolu 2hc, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-forniment tas-servizzi elenkati fih sal-31 ta’ Diċembru 2024 meta tali forniment ta’ servizzi jkun strettament neċessarju għall-iżvestiment mill-Belrussja jew l-istralċ ta’ attivitajiet kummerċjali fil-Belrussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali servizzi huma pprovduti għall-benefiċċju esklużiv tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li jirriżultaw mill-iżvestiment; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda raġuni raġonevoli biex jemmnu li s-servizzi jistgħu jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, lill-Gvern tal-Belarussja jew lil utent finali militari jew ikollhom użu finali militari fil-Belarussja;

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b’kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2 jew 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M42
▼C9

Artikolu 5ba

1. B’deroga mill-Artikolu 4 ta’ din id-Deċiżjoni, u dment li l-fondi kkonċernati jkunu ġew iffriżati bħala riżultat tal-involviment ta’ persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni, jew ta’ persuna ġuridika li tkun il-proprjetà jew ikkontrollata minn persuna ġuridika, entità jew korp elenkati f’dak l-Anness, li jaġixxu bħala bank intermedjarju matul trasferiment ta’ dawk il-fondi lejn l-Unjoni mir-Repubblika tal-Belarussja jew minn pajjiż terz jew mill-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li t-trasferiment ta’ tali fondi:

(a) ikun bejn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li mhumiex elenkati fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni;

(b) isir bl-użu ta’ kontijiet f’istituzzjonijiet ta’ kreditu li mhumiex elenkati fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni; u

(c) ma jkunx bi ksur tal-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 2k ta’ din id-Deċiżjoni.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika fir-rigward ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma minn Depożitorji ċentrali tat-titoli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

2. B’deroga mill-Artikolu 4 ta’ din id-Deċiżjoni, u dment li l-ħlas ikkonċernat ikun ġie ffriżat bħala riżultat ta’ trasferiment lejn l-Unjoni mir-Repubblika tal-Belarussja, minn pajjiż terz, jew mill-Unjoni, mibdi permezz ta’ jew minn persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni, jew permezz jew minn persuna ġuridika li tkun il-proprjetà jew ikkontrollata minn persuna ġuridika, entità jew korp elenkati f’dak l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ dak il-ħlas iffriżat, wara li jkunu ddeterminaw li t-trasferiment ta’ dak il-ħlas:

(a) ikun bejn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li mhumiex elenkati fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni; u

(b) ma jiksirx l-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 2k ta’ din id-Deċiżjoni.

▼C9

Dan il-paragrafu ma għandux japplika fir-rigward ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati miżmuma minn Depożitorji ċentrali tat-titoli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Il-benefiċjarji ta' trasferiment kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu biss ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanja jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

Skont dan il-paragrafu, tista' tingħata awtorizzazzjoni waħda għal kull applikant.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimgħa mill-awtorizzazzjoni.

▼M39

Artikolu 5c

1. Għall-finijiet tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni tal-oġġetti previsti f'din id-Deċiżjoni, l-oġġetti fiżikament fl-Unjoni jistgħu jiġu rilaxxati, kif previst fl-Artikolu 5, il-punt (26), tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), mill-awtoritajiet doganali dment li dawn ikunu ġew ippreżentati lid-dogana f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ jew id-data ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni rispettivi, skont liema tkun l-aktar reċenti.

2. Il-passi proċedurali kollha meħtieġa għar-rilaxx imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 tal-oġġetti rilevanti skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom ikunu permessi.

3. L-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx tal-oġġetti jekk ikollhom bażi raġonevoli biex jissuspettaw ċirkomvenzjoni u ma għandhomx jawtorizzaw l-esportazzjoni mill-ġdid tal-oġġetti lejn il-Belarussja.

4. Il-ħlasijiet relatati ma' tali oġġetti għandhom ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-projbizzjoni fuq ix-xiri.

5. L-oġġetti fiżikament fl-Unjoni u ppreżentati lid-dogana qabel l-1 ta' Lulju 2024 li twaqqfu skont l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu rilaxxati mill–awtoritajiet doganali skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 5d

1. Meta jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw lejn pajjiż terz, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi elenkati fl-Anness IVa, oġġetti jew teknoloġija kif elenkat fl-Annessi XVI, XVII, XXVIII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkat fl-Anness XXX tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012, l-esportaturi għandhom jipprojbixxu kuntrattwalment l-esportazzjoni mill-ġdid lejn il-Belarussja u l-esportazzjoni mill-ġdid għall-użu fil-Belarussja.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

▼M39

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti relatati ma' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8457 10, 8458 11, 8458 91, 8459 61, 8466 93, kif elenkati fl-Anness XXX għar-Regolament (KE) Nru 765/2006;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024 sad-data tal-iskadenza tagħhom.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal kuntratti pubbliċi konklużi ma' awtorità pubblika f'pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

4. L-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti bi kwalunkwe kuntratt pubbliku li kkonkludew li bbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-paragrafu 3, fi żmien ġimagħtejn mill-konklużjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċeviha.

5. B'applikazzjoni tal-paragrafu 1, esportaturi għandhom jiżguraw li l-ftehim mal-kontroparti ta' pajjiż terz ikun fih rimedji adegwati f'każ ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1.

6. Jekk il-kontroparti tal-pajjiż terz tikser kwalunkwe wieħed mill-obbligi kuntrattwali konklużi f'konformità mal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti hekk kif isiru jafu b'dak il-ksur.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet identifikati ta' ksur jew ċirkomvenzjoni ta' obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 6

▼M10

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta emendi għal-lista li tinsab ►M26 l-Anness I, l-Anness II, u l-Anness III ◄ skont kif ikun meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fil-Bjelorussja.

▼B

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna kkonċernata, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lil tali persuna bil-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna ikkonċernata kif meħtieġ.

▼M26

Artikolu 6a

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jistgħu jipproċessaw id-*data* personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

▼M26

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Anness I;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Anness I.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni penali jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness I.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

▼M42

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet tal-infurzar, l-awtoritajiet doganali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u tad-Direttivi (UE) 2015/849 ([3]), u (UE) 2014/65 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), kif ukoll l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, kif imsemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849, u l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali fejn persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli huma rreġistrati, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni, inkluża data personali u, jekk meħtieġ, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6b, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru tagħhom, ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni, jekk tali pproċessar u skambju jkun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-awtorità tal-ipproċessar jew tal-awtorità riċeventi skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari meta jidentifikaw każijiet ta' ksur, ċirkomvenzjoni, jew tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

([1]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

([4]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

▼M39

Artikolu 6b

1. B'mod konsistenti mar-rispett għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom iggarantiti fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, fejn applikabbli, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) jipprovdu kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu fi żmien ġimagħtejn mill-kisba ta' din l-informazzjoni; u

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti f'kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom għandha tinkludi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet relatati mal-pariri legali pprovduti minn professjonisti ċċertifikati oħrajn li huma awtorizzati skont il-liġi nazzjonali biex jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji, sakemm tali parir legali jiġi pprovdut b'konnessjoni ma' proċedimenti ġudizzjarji pendenti jew prospettivi.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jirċievi skont il-paragrafu 1 fi żmien xahar minn meta jirċeviha. L-Istat Membru kkonċernat jista' jittrażmetti tali informazzjoni f'forma anonimizzata jekk awtorità investigattiva jew ġudizzjarja tkun iddikjaratha kunfidenzjali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali pendenti jew proċedimenti ġudizzjarji kriminali.

4. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali riċevuta direttament mill-Kummissjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

5. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

▼B

Artikolu 7

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

▼M26

Artikolu 7a

L-azzjonijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fuqhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

▼M27

Artikolu 8

▼M43

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-►M50 28 ta' Frar 2027 ◄.

▼M27

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

▼M37

3. L-eċċezzjoni msemmija fl-Artikoli 5(1)(f)(i) fir-rigward tal-Artikolu 4(1) u (2) għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari, u mill-inqas kull tnax-il xahar, jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli, jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.

▼B

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012

▼M22

ANNESS I

▼M18

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)

A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M50					
1.	Uladzimir Uladzimiravich NAVUMAU Vladimir Vladimirovich NAUMOV	Уладзімір Уладзіміравіч НАВУМАЎ Владимир Владимирович НАУМОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; Eks Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President Data tat-twelid: 7.2.1956 Post tat-twelid: Smolensk, eks USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel	Naqas milli jieħu azzjoni biex jinvestiga l-każ tal-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999 u l-2000. Eks Ministru għall-Affarijiet Interni u wkoll Eks Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President. Bħala Ministru għall-Affarijiet Interni huwa kien responsabbli għar-repressjoni matul id-dimostrazzjonijiet paċifiċi sakemm irtira fis-6 ta' April 2009 għal raġunijiet ta' saħħa. Ingħata residenza f'Minsk fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali. F'Ottubru 2014 ingħata l-Ordni "Għall-Mertu" grad III mill-President Lukashenka. Minn Novembru 2023, Vladimir Naumov kien is-sid ta' sehem ta' 75 % fil-kumpanija Zorka Food. Zorka food hija rreġistrata f'Moska u topera fir-reġjun ta' Donetsk okkupat mir-Russja u fil-belt ta' Mariupol fl-Ukrajna, li tesporta ċ-ċereali u l-għalf mill-port ta' Mariupol, u tappoġġa l-involviment tal-Belarussja fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka	24.09.2004
2.	Dzmitry Valerievich PAULICHENKA Dmitri Valerievich PAVLICHENKO (Dmitriy Valeriyevich PAVLICHENKO)	Дзмітрый Валер'евіч ПАЎЛІЧЭНКА Дмитрий Валериевич ПАВЛИЧЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR); Kmandant ta' unità tal-OMON Data tat-twelid: 1966 Post tat-twelid: Vitebsk/Viciebsk, eks USSR (issa Belarus)	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999 u l-2000. Eks Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR) fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni. Negozjant, Kap ta' "Honour", l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Veterani tal-Forzi Speċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	24.09.2004

▼M50

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs "Honour", 111 Mayakovskogo St., 220028 Minsk, Belarus Sess: raġel	Huwa ġie identifikat bħala kmandant ta' unità tal-OMON matul ir-repressjoni brutali fuq dimostranti li seħħet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Dzmitry Paulichenka ppromwova lil Lukashenka qabel l-elezzjoni presidenzjali ta' Frar 2025 fil-Belarussja. Għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	
3.	Viktar Uladzimiravich SHEIMAN (Viktar Uladzimiravich SHEYMAN) Viktor Vladimirovich SHEIMAN (Viktor Vladimirovich SHEYMAN)	Віктар Уладзіміравіч ШЭЙМАН Виктор Владимирович ШЕЙМАН	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate; Ko-Kap tal-"Vector Capital Group"; Mibgħut Presidenzjali Data tat-twelid: 26.5.1958 Post tat-twelid: Soltanishki, Grodno/Hrodna Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Indirizz: Belarus President Property Management Directorate, 38 Karl Marx St., 220016 Minsk, Belarus Sess: raġel Grad: Kurunell Ġeneral	Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999 u l-2000. Eks Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka billi jservi bħala Assistent Speċjali/Assistent tal-President u bħala l-mibgħut speċjali ta' Lukashenka għall-involviment mal-Afrika. Barra minn hekk, Viktar Sheiman imexxi b'mod konġunt l-intrapriża "Vector Capital Group", li tissorvelja kumpanija involuta fil-manifattura tad-droni. Għalhekk qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u lill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja billi huwa involut fil-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	24.09.2004
4.	Iury Leanidavich SIVAKAU (Yuri Leanidavich SIVAKAU, SIVAKOU) Iury (Yuri) Leonidovich SIVAKOV	Юрый Леанідавіч СІВАКАЎ, СІВАКОЎ Юрий Леонидович СИВАКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; Eks Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali; Professur Assoċjat fl-Akkademja tal-Affarijiet Interni u l-fakultà tal-Università tal-Istat tal-Belarussja (Dipartiment tal-Liġi) Data tat-twelid: 5.8.1946 Post tat-twelid: Onor, Sakhalin Region/Oblast, eks USSR (issa Russian Federation)	Organizza l-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999 u l-2000. Eks Ministru għat-Turiżmu u l-Isport, Eks Ministru għall-Affarijiet Interni u Eks Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali.	24.09.2004

▼M50

	Ismijiet (Traż litterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs "Honour", 111 Mayakovskogo St., Minsk 220028, Belarus Sess: raġel		
5.	Yuri Khadzimuratavich KARAEU Yuri Khadzimuratovich KARAEV	Юрый Хаджымуратавіч КАРАЕЎ Юрий Хаджимуратович КАРАЕВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; Logutenent Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija); Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna; President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno Data tat-twelid: 21.6.1966 Post tat-twelid: Ordzhonikidze, eks USSR (issa Vladikavkaz, Russian Federation) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala assistent tal-President tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna, u bħala l-President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno. Għalhekk qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	2.10.2020
6.	Genadz Arkadzievich KAZAKEVICH Gennadi Arkadievich KAZAKEVICH	Генадзь Аркадзьевіч КАЗАКЕВІЧ Геннадий Аркадьевич КАЗАКЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni; Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni – Kap tal-Milizzja Kriminali, Kurunell tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 14.2.1975 Post tat-twelid: Minsk, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral tal-Milizzja	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni. Għadu jżomm il-kariga tiegħu ta' Kap tal-Milizzja Kriminali.	2.10.2020

▼M50

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
7.	Aliaksandr Piatrovich BARSUKOU Alexander (Alexandr) Petrovich BARSUKOV	Аляксандр Пятровіч БАРСУКОЎ Александр Петрович БАРСУКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni; Logutenent Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija); Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk; Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja Data tat-twelid: 29.4.1965 Post tat-twelid: Vetkovski (Vetka) District, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala l-Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Assistent tal-President tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk, u bħala membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja. Għalhekk qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenkau huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	2.10.2020
8.	Siarhei Mikalaevich KHAMENKA Sergei Nikolaevich KHOMENKO	Сяргей Мікалаевіч ХАМЕНКА Сергей Николаевич ХОМЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni; Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija); Eks Ministru għall-Ġustizzja; Viċi President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 21.9.1966 Post tat-twelid: Yasinovataya, eks USSR (issa Ukraine) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Belarussja. Għalhekk qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	Yuri Genadzevich NAZARANKA Yuri Gennadievich NAZARENKO	Юрый Генадзевіч НАЗАРАНКА Юрий Геннадьевич НАЗАРЕНКО	Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Eks Kmandant tat-Truppi Interni; L-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, Ġeneral Maġġur tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 17.4.1976 Post tat-twelid: Slonim, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni u Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika.	2.10.2020
▼M34 10.	Khazalbek Baktibekavich ATABEKAU Khazalbek Bakhtibekovich ATABEKOV	Хазалбек Бактібекавіч АТАБЕКАЎ Хазалбек Бахтибекович АТАБЕКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kmandant tat-Truppi Interni Data tat-twelid: 18.3.1967 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ġie mgħoddi għar-riżerva militari f'Marzu 2022 permezz tad-digriet ta' Aliaksandr Lukashenka. Huwa għandu d-dritt jilbes uniformi u insinja militari.	2.10.2020
▼M50 11.	Aliaksandr Valerievich BYKAU Alexander (Alexandr) Valerievich BYKOV	Аляксандр Валер'евіч БЫКАЎ Александр Валерьевич БЫКОВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni, Eks Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR), Logutenent Kurunell Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-SOBR wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Aliaksandr Sviataslavavich SHEPELEU Alexander (Alexandr) Svyatoslavovich SHEPELEV	Аляксандр Святаслававіч ШЭПЕЛЕЎ Александр Святославович ШЕПЕЛЕВ	Posizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà, Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 14.10.1975 Post tat-twelid: ir-raħal ta' Rublevsk, distrett ta' Kruglyanskiy, Reġjun/Oblast ta' Mogilev/Mahiliou, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni għolja tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa involut fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	2.10.2020
▼M50 13.	Dzmitry Uladzimiravich BALABA Dmitry Vladimirovich BALABA	Дзмітрый Уладзіміравіч БАЛАБА Дмитрий Владимирович БАЛАБА	Pożizzjoni(jiet): Eks kap tal-OMON (“Special Purpose Police Detachment”) għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta’ Minsk; President tal-Kunsill Ċentrali tal-Belarusian Physical Culture and Sports Society Dynamo Data tat-twelid: 1.6.1972 Post tat-twelid: village of Gorodilovo, Minsk Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta’ kmand fuq il-forzi tal-OMON f’Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta’ repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f’Minsk wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b’mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta’ dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	2.10.2020
14.	Ivan Uladzimiravich KUBRAKOU Ivan Vladimirovich KUBRAKOV	Іван Уладзіміравіч КУБРАКОЎ Иван Владимирович КУБРАКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta’ Minsk; Ministru għall-Affarijiet Interni, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 5.5.1975 Post tat-twelid: village of Malinovka, Mogilev/Mahiliou Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Grad: Logutenent Ġeneral	Fil-pożizzjoni li kellu ta’ Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta’ Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta’ repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b’mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin ta’ dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta’ Lukashenka bħala l-Ministru għall-Affarijiet Interni.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
15.	Maxim Aliaksandravich GAMOLA (HAMOLA) Maxim Alexandrovich GAMOLA	Максім Аляксандравіч ГАМОЛА Максим Александрович ГАМОЛА	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk; Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Belt ta' Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali Sess: raġel	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Belt ta' Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali	2.10.2020
▼M27 16.	Aliaksandr Mikhailavich ALIASHKEVICH Alexander Mikhailovich ALESHKEVICH	Аляксандр Міхайлавіч АЛЯШКЕВІЧ Александр Михайлович АЛЕШКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk.	2.10.2020
▼M34 17.	Andrei Vasilievich GALENKA Andrey Vasilievich GALENKA	Андрэй Васільевіч ГАЛЕНКА Андрей Васильевич ГАЛЕНКА	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka u qed iservi bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M50					
18.	Aliaksandr Paulavich VASILIEU Alexander Pavlovich VASILIEV	Аляксандр Паўлавіч ВАСІЛЬЕЎ Александр Павлович ВАСИЛЬЕВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel; Eks Kap tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni; Rappreżentant tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni għall-Kumitat Eżekuttiv tas-CIS Data tat-twelid: 24.3.1975 Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji, l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala r-Rappreżentant tal-Kunsill tal-Ministri għall-Affarijiet Interni għall-Kumitat Eżekuttiv tas-CIS. Għalhekk qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	2.10.2020
19.	Aleh Mikalaevich SHULIAKOUSKI Oleg Nikolaevich SHULIAKOVSKI	Алег Мікалаевіч ШУЛЯКОЎСКІ Олег Николаевич ШУЛЯКОВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija Kriminali; Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest Data tat-twelid: 26.7.1977 Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni li kellu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji, l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest.	2.10.2020
▼M34					
20.	Anatol Anatolievich VASILIEU Anatoli Anatolievich VASILIEV	Анатоль Анатольевіч ВАСІЛЬЕЎ Анатолий Анатольевич ВАСИЛЬЕВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.	2.10.2020

▼M34

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Data tat-twelid: 26.1.1972Post tat-twelid: Gomel/Homyel, Gomel/Homyel Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	

▼M50

70.	Aleh Heorhievich KARAZIEI Oleg Georgevich KARAZEI	Алег Георгіевіч КАРАЗЕЙ Олег Георгиевич КАРАЗЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 1.1.1979 Post tat-twelid: Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020

▼M34

71.	Dzmitry Aliaksandravich KURYAN Dmitry Alexandrovich KURYAN	Дзмітрый Аляксандравіч КУРЯН Дмитрий Александрович КУРЯН	Pożizzjoni(jiet): Il-Viċi Kap tal-milizzja pubblika tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Kurunell tal-Pulizija, eks Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 3.10.1974 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Kap tal-milizzja pubblika tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni u jibqa' jżomm il-grad ta' Kurunell tal-Pulizija.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M50					
72.	Aliaksandr Henrykavich TURCHIN Alexander (Alexandr) Henrihovich TURCHIN	Аляксандр Генрыхавіч ТУРЧЫН Александр Генрихович ТУРЧИН	Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk; Prim Ministru tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 2.7.1975 Post tat-twelid: Novogrudok, Grodno/Hrodna Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk, kien responsabbli għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni lokali, inkluż għadd ta' kumitati. Huwa jkompli jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prim Ministru tar-Repubblika tal-Belarussja.	17.12.2020
73.	Dzmitry Mikalaevich SHUMILIN Dmitry Nikolayevich SHUMILIN	Дзмітрый Мікалаевіч ШУМІЛІН Дмитрий Николаевич ШУМИЛИН	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tad-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni, Eks Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD (Dipartiment Ewlieni għall-Affarijiet Interni) tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 26.7.1977 Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral tal-Milizzja	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ġie ddokumentat li ħa sehem personalment fid-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi Kap tad-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni tal-GUVD (Dipartiment Ewlieni għall-Affarijiet Interni) tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	17.12.2020
▼M18					
74.	Vital Ivanavich STASIUKEVICH Vitalyi Ivanovich STASIUKEVICH	Віталь Іванавіч СТАСЮКЕВІЧ Виталий Иванович СТАСЮКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna Data tat-twelid: 5.3.1976 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M38					
75.	Siarhei Leanidavich KALINNIK Sergei Leonidovich KALINNIK	Сяргей Леанідавіч КАЛИННИК Сергей Леонидович КАЛИННИК	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Pulizija Kriminali fid-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, eks Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk Data tat-twelid: 23.7.1979 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' dimostranti detenuti illegalment. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Kap tal-Pulizija Kriminali fid-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	17.12.2020
▼M18					
76.	Vadzim Siarhaevich PRYGARA Vadim Sergeyevich PRIGARA	Вадзім Сяргеевіч ПРЫГАРА Вадим Сергеевич ПРИГАРА	Posizzjoni(jiet): Logutenent Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno Data tat-twelid: 31.10.1980 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment is-swat ta' dimostranti detenuti illegalment. Huwa għamel ukoll bosta dikjarazzjonijiet derogatorji dwar id-dimostranti lill-media.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
77.	Viktar Ivanavich STANISLAUCHYK Viktor Ivanovich STANISLAVCHIK	Віктар Іванавіч СТАНІСЛАЎЧЫК Виктор Иванович СТАНИСЛАВЧИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika L-ewwel Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 27.1.1971 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u s-swat ta' dawk detenuti illegalment. Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020
▼M34					
78.	Aliaksandr Aliaksandravich PIETRASH Alexander (Alexandr) Alexandrovich PETRASH	Аляксандр Аляксандравіч ПЕТРАШ Александр Александрович ПЕТРАШ	Pożizzjoni(jiet): President tal-Qorti tad-Distrett ta' Tsentralny f'Minsk, eks President tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk Data tat-twelid: 16.5.1988 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala president tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk, huwa kien responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda foloz. Huwa kien strumentali fl-immultar u d-detenzjoni ta' dimostranti, ġurnalisti u mexxejja tal-oppożizzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala president tal-Qorti tad-Distrett ta' Tsentralny f'Minsk.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
79.	Andrei Aliaksandravich LAHUNOVICH Andrei Alexandrovich LAHUNOVICH	Андрэй Аляксандравіч ЛАГУНОВІЧ Андрей Александрович ЛАГУНОВИЧ	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel, huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
80.	Alena Vasileuna LITVINA Elena Vasilevna LITVINA	Алена Васільеўна ЛІТВІНА Елена Васильевна ЛИТВИНА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
81.	Victoria Valeryeuna SHABUNYA Victoria Valerevna SHABUNYA	Вікторыя Валер'еўна ШАБУНЯ Виктория Валерьевна ШАБУНЯ	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 27.2.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Sergei Dylevsky - membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni u mexxej ta' kumitat tal-istrajk. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
82.	Alena Aliaksandravna ZHYVITSA Elena Alexandrovna ZHYVITSA	Алена Аляксандравна ЖЫВІЦА Елена Александровна ЖИВИЦА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 9.4.1990 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
83.	Natallia Anatolievna DZIADKOVA Natalia Anatolievna DEDKOVA	Наталля Анатольеўна ДЗЯДКОВА Наталья Анатольевна ДЕДКОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk Data tat-twelid: 2.12.1979 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-mexxej tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Mariya Kalesnikava. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
84.	Maryna Arkadzeuna FIODARAVA Marina Arkadievna FEDOROVA	Марына Аркадзьеўна ФЁДАРАВА Марина Аркадьевна ФЕДОРОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 11.9.1965 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M50

85.	Yulia Chaslavauna HUSTYR Yulia Cheslavovna HUSTYR	Юлія Чаславаўна ГУСТЫР Юлия Чеславовна ГУСТЫР	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk; Konsulent legali fid-Distrett ta' Oktyabrsky Data tat-twelid: 27.2.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni li kellha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija kienet responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża.	17.12.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala avukat fl-uffiċċju tal-għajnuna legali tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk.	
▼M18					
86.	Alena Tsimafeeuna NYAKRASAVA Elena Timofeyevna NEKRASOVA	Алена Цімафееўна НЯКРАСАВА Елена Тимофеевна НЕКРАСОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk Data tat-twelid: 26.11.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
▼M50					
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН Александр Васильевич ШАКУТИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist ta' Amkodor Bel, Amkodor Spamash, Spamash, EM System, Navanep, Amkodor-Onego, Amkodor-Alga u Amkodor-Agidel Data tat-twelid: 12.1.1959 Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Vitebsk/Viciebsk Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Aliaksandr Shakutsin huwa negozjant Belarussu b'interessi kummerċjali konsiderevoli fil-Belarussja, fir-Russja u f'pajjiżi oħra. Huwa kiseb benefiċċji sinifikanti mir-reġim ta' Lukashenka bħala s-sid u l-benefiċjarju ta' Amkodor Holding. Minn mindu l-Istat ħa f'idejh lil Amkodor Holding, Aliaksandr Shakutsin għadu jibbenefika mill-kapital ekonomiku u politiku miksub mir-reġim ta' Lukashenka matul is-snin tiegħu f'Amkodor Holding. Barra minn hekk, huwa jkompli jibbenefika mir-reġim permezz tar-rabtiet li fadallu ma' Amkodor Holding u interessi kummerċjali oħra fil-Belarussja u barra mill-pajjiż. Huwa rrappurtat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President.	17.12.2020

▼M50

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja. F'Lulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil-Belarussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċifiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. Huwa jżomm interessi kummerċjali fil-Belarussja, u għandu ekwità f'kumpaniji marbuta ma' Amkodor Holding. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah	
88.	Mikalai Mikalaevich VARABEI/VERABEI Nikolay Nikolaevich VOROBEY	Мікалай Мікалаевіч ВАРАБЕЙ/ ВЕРАБЕЙ Николай Николаевич ВОРОБЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group Data tat-twelid: 4.5.1963 Post tat-twelid: Ukrainian SSR (issa Ukraine) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, u kellu u għad għandu interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam, tal-banek u oħrajn. Huwa l-koproprjetarju tal-Bremino Group – kumpanija li gawdiet minn ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' appoġġ mill-amministrazzjoni Belarussa. Il-kumpanija tiegħu BelKazTrans ingħatat dritt esklussiv li tittrasferixxi l-faħam fil-Belarussja. F'Diċembru 2020, huwa ttrasferixxa whud mill-assi tiegħu lill-assoċjati kummerċjali qrib tiegħu. Skont rapporti tal-media huwa għadu jikkontrolla l-kumpaniji Interservice and Oil Bitumen Plant. Huwa għad għandu attivitajiet kummerċjali mal-awtoritajiet fil-Belarussja u għadu jżomm relazzjonijiet mill-qrib magħhom u ta żewġ karozzi lussużi lil Lukashenka. Huwa għandu wkoll interessi kummerċjali fl-Ukrajna u r-Russja. Huwa kompla l-attivitajiet kummerċjali tiegħu wara li sar soġġett għal sanzjonijiet, bl-użu ta' intermedjarji biex jiġu evitati miżuri restrittivi. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M34					
89.	Natallia Mikhailauna BUHUK Natalia Mikhailovna BUGUK	Наталля Міхайлаўна БУГУК Наталья Михайловна БУГУК	Pożizzjoni: imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk, eks imħallef fil-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk Data tat-twelid: 19.12.1989 Post tat-twelid: Minsk, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Natallia Buhuk kienet responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021
90.	Alina Siarhieeuna KASIANCHYK Alina Sergeevna KASYANCHYK	Аліна Сяргееўна КАСЬЯНЧЫК Алина Сергеевна КАСЬЯНЧИК	Pożizzjoni: prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Belt ta' Minsk, eks Assistent Prosekutur fil-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 12.3.1998 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala assistent prosekutur fil-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Alina Kasianchyk irrappreżentat ir-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti. B'mod partikolari, hija ħarrket lill-ġurnalisti Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova talli rreġistraw protesti paċifiċi, fuq l-akkużi bla bażi ta' "reat ta' assoċjazzjoni" u "ksur tal-ordni pubbliku". Hija ħarrket ukoll membri tas-soċjetà ċivili Belarussa eż. talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi, u sellmu lid-dimostrant maqtul Aliaksandr Taraikousky. Hija kontinwament talbet lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
91.	Ihar Viktaravich KURYLOVICH Igor Viktorovich KURILOVICH	Ігар Віктаравіч КУРЫЛОВІЧ, Игорь Викторович КУРИЛОВИЧ	Investigatur Għoli tad-Dipartiment Distrettwali ta' Frunzensky tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 26.09.1990 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Investigatur Għoli tal-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Ihar Kurylovich kien involut fit-tħejjija ta' kawża kriminali politikament motivata kontra l-ġurnalisti Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Il-ġurnalisti, li rreġistraw protesti paċifiċi, ġew akkużati bi ksur tal-ordni pubbliku u ngħataw sentenza ta' sentejn ħabs. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
92.	Siarhei Viktaravich SHATSILA Sergei Viktorovich SHATILO	Сяргей Віктаравіч ШАЦІЛА Сергей Викторович ШАТИЛО	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 13.08.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk, Siarhei Shatsila huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Natallia Hersche, Dzmitry Halko u Dzmitry Karatkevich, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
93.	Anastasia Vasileuna ACHALAVA Anastasia Vasilievna ACHALOVA	Анастасія Васільеўна АЧАЛАВА Анастасия Васильевна АЧАЛОВА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk Data tat-twelid: 15.10.1992 Post tat-twelid: Minsk, Belarussja Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk, Anastasia Achalava hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Dzmitry Kruk, kif ukoll kontra persunal mediku u ċittadini anzjani. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda anonimi. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
94.	Mariya Viachaslavauna YAROKHINA Maria Viacheslavovna YEROKHINA	Марыя Вячаславаўна ЯРОХІНА Мария Вячеславовна ЕРОХИНА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 04.07.1987 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk, Mariya Yerokhina hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti tat-trade unions, sportivi u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-ġurnalist Uladzimir Hrydzin. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
95.	Yuliya Aliaksandrauna BLIZNIUK Yuliya Aleksandrovna BLIZNIUK	Юлія Аляксандраўна БЛІЗНЮК Юлия Александровна БЛИЗНЮК	Viċi President/imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 23.09.1971 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk, Yuliya Blizniuk hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-attivisti Artsiom Khvashcheuski, Artsiom Sauchuk, Maksim Pauliushchyk. Dawn il-persuni huma meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
96.	Anastasia Dzmitreuna KULIK Anastasia Dmitrievna KULIK	Анастасія Дзмітрыеўна КУЛІК Анастасия Дмитриевна КУЛИК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 28.07.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Anastasia Kulik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Aliaksandr Zakharevich, meqjus priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
97.	Maksim Leanidavich TRUSEVICH Maksim Leonidovich TRUSEVICH	Максім Леанідавіч ТРУСЕВІЧ Максим Леонидович ТРУСЕВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 12.08.1989 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Maksim Trusevich huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
98.	Tatsiana Yaraslavauna MATYL Tatiana Yaroslavovna MOTYL	Тацяна Яраславаўна МАТЫЛЬ Татьяна Ярославовна МОТЫЛЬ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk Data tat-twelid: 20.01.1968 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk, Tatsiana Matyl hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-politiku tal-oppożizzjoni Mikalai Statkevich u l-ġurnalist Alexander Borozenko. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
99.	Aliaksandr Anatolevich RUDZENKA Aleksandr Anatolevich RUDENKO	Аляксандр Анатольевіч РУДЗЕНКА Александр Анатольевич РУДЕНКО	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.12.1981 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Aliaksandr Rudzenka huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari l-immultar ta' dimostrant anzjan u b'diżabbiltà, kif ukoll is-sentenzjar ta' Lyudmila Kazak – l-avukat ta' Mariya Kalesnikava, mexxej tal-oppożizzjoni tal-Belarussja. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
100.	Aliaksandr Aliaksandravich VOUK Aleksandr Aleksandrovich VOLK	Аляксандр Аляксандравіч ВОЎК Александр Александрович ВОЛК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.08.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk, Aliaksandr Vouk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-aħwa Anastasia u Victoria Mirontsev, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
101.	Volha Siarheeuna NIABORSKAIA Olga Sergeevna NEBORSKAIA	Вольга Сяргееўна НЯБОРСКАЯ Ольга Сергеевна НЕБОРСКАЯ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 14.02.1991 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Volha Niaborskaya hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi u ġurnalisti, b'mod partikolari s-sentenzjar ta' Sofia Malashevich u Tikhon Kliukach, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
102.	Marina Sviataslavauna ZAPASNIK Marina Sviatoslavovna ZAPASNIK	Марына Святаславаўна ЗАПАСНІК Марина Святославовна ЗАПАСНИК	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk Data tat-twelid: 28.03.1982 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk, Marina Zapasnik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari is-sentenzjar tal-attivisti Vladislav Zenevich, Olga Pavlova, Olga Klaskovskaya, Viktar Barushka, Sergey Ratkevich, Aleksey Charvinskiy, Andrey Khrenkov, l-istudent Viktor Aktistov, u l-minorenni Maksim Babich. Kollha huma rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
▼M50					
103.	Maxim Yurevich FILATAU Maxim Yurevich FILATOV	Максім Юр'евіч ФІЛАТАЎ Максим Юрьевич ФИЛАТОВ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida Data tat-twelid: 23.08.1978 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida, Maxim Filatau huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-attivist Vitold Ashurok, li huwa rikonoxxut bħala priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
▼M34					
104.	Andrei Vaclavavich HRUSHKO Andrei Vatslavovich GRUSHKO	Андрэй Вацлававіч ГРУШКО Андрей Вацлавович ГРУШКО	Pożizzjoni: Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, eks Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest Data tat-twelid: 24.1.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, Andrei Hrushko huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari bis-sentenzjar ta' attivisti, rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi, u ta' minorenni. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Bħalissa huwa jservi bħala d-Deputat President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
105.	Dzmitry Iurevich HARA Dmitry Iurevich GORA	Дзмітрый Юр'евіч ГАРА Дмитрий Юрьевич ГОРА	President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja (maħtur fil-11 ta' Marzu 2021) Eks Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja (sal-11 ta' Marzu 2021) Data tat-twelid: 04.05.1970 Post tat-twelid: Tbilisi, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Georgia) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali sa Marzu 2021, Dzmitry Hara jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Is-Sur Gora kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Bħala l-Kap tal-Kummissjoni Intergovernattiva maħluqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali biex jiġu investigati l-ilmenti taċ-ċittadini dwar l-abbuż ta' poter minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, Dzmitry Hara huwa responsabbli għan-nuqqas ta' azzjoni ta' din l-istituzzjoni, peress li mhuwa magħruf ebda każ ta' tali investigazzjoni, minkejja applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' kawżi kriminali li jilmentaw l-użu tal-vjolenza, it-trattament ħażin u t-tortura. Minn Marzu 2021, huwa l-President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja. F'din il-pożizzjoni huwa responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u parteċipanti fi protesti paċifiċi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika	21.6.2021
106.	Aliaksei Kanstantsinavich STUK Alexey Konstantinovich STUK	Аляксей Канстанцінавіч СТУК Алексей Константинович СТУК	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 1959 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Aliaksei Stuk iġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa responsabbli għall-issikkar tal-kontroll mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-attivitajiet taċ-ċittadini fil-lokalitajiet u fil-postijiet tax-xogħol u huwa responsabbli għall-applikazzjoni ta' responsabbiltajiet legali eċċessivi fuq parteċipanti fi protesti paċifiċi. Huwa qal pubblikament li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ser jaħdem biex jidentifika assoċjazzjonijiet "illegali" taċ-ċittadini u jrażżan l-attivitajiet tagħhom. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
107.	Genadz Iosifavich DYSKO Gennadi Iosifovich DYSKO	Генадзь Іосіфавіч ДЫСКО Геннадий Иосифович ДЫСКО	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja, Konsulent tal-Istat għall-Ġustizzja tat-tielet klassi Data tat-twelid: 22.03.1964 Post tat-twelid: Oshmyany, reġjun ta' Hrodna, (eks Unjoni Sovjetika) illum il-Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Genadz Dysko jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky - attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidata presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
▼M43 108.	Sviatlana, Anatoleuna LYUBETSKAYA Svetlana Anatolevna LYUBETSKAYA	Святлана Анатольеўна ЛЮБЕЦКАЯ Светлана Анатольевна ЛЮБЕЦКАЯ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Belarussja, eks Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, eks President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 3.6.1971 Post tat-twelid: Unjoni Sovjetika (illum l-Ukrajna) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Sviatlana Lyubetskaya kienet responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenko bħala imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali, maħtura minn Alexander Lukashenko.	21.6.2021
▼M21 109.	Aliaksei Uladzimiravich IAHORAU Alexei Vladimirovich YEGOROV	Аляксей Уладзіміравіч ЯГОРАЎ Алексей Владимирович ЕГОРОВ	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 16.12.1969 Post tat-twelid: Novosokolniki, reġjun ta' Pskov, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksei Iahorau huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
110.	Aliaksandr Paulavich AMELIANIUK Aleksandr Pavlovich OMELYANYUK	Аляксандр Паўлавіч АМЕЛЬЯНЮК Александр Павлович ОМЕЛЬЯНЮК	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 06.03.1964 Post tat-twelid: Kobrin, Reġjun/ Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksandr Amelianiuk huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż it-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021
111.	Andrei Mikalaevich MUKAVOZCHYK Andrei Nikolaevich MUKOVOZCHYK	Андрэй Мікалаевіч МУКАВОЗЧЫК Андрей Николаевич МУКОВОЗЧИК	Osservatur politiku ta' "Belarus Today" ("Sovietskaia Belarus - Belarus Segodnya") Data tat-twelid: 13.06.1963 Post tat-twelid: Novosibirsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: MP 3413113 u MP 2387911	Andrei Mukavozchyk huwa wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka li jippubblika f"Belarus Today", il-gazzetta uffiċjali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali. Fl-artikli tiegħu, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jiġu sistematikament deskritti b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata. Hu wieħed mill-għejun prinċipali tal-propaganda tal-istat, li tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. F'Mejju 2020, Mukavozchyk ingħata l-premju tal-"Pinna tad-Deheb" minn organizzazzjoni favur il-gvern il-Union Belarussa tal-Ġurnalisti. F'Diċembru 2020, ingħata l-premju "Ittra tad-Deheb", mingħand ir-rappreżentanti tal-Ministeru għall-Informazzjoni tal-Belarussja. F'Jannar 2021, Lukashenka ffirma digriet fejn ta midalja lil Mukavozchyk "Għal merti ta' xogħol". Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M43					
112.	Siarhei Aliaksandravich GUSACHENKA Sergey Alexandrovich GUSACHENKO	Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi President tal-Kumpanija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat (Belteleradio Company) Data tat-twelid: 5.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussu Tel. (uffiċċju): + 375 (17) 369-90-15	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi President ta' Belteleradio Company (il-Kumpanija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat), awtur u prežentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa Glavnyy efir, Siarhei Gusachenka kien u għadu intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti, ir-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-istat u l-attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa direttament responsabbli għall-mod kif it-televiżjoni tal-istat jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M21					
113.	Genadz Branislavavich DAVYDZKA Gennadi Bronislavovich DAVYDKO	Генадзь Браніслававіч ДАВЫДЗЬКА Геннадий Брониславович ДАВЫДЬКО	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, President tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Media President tal-organizzazzjoni politika Belarussa Belaya Rus Data tat-twelid: 29.09.1955 Post tat-twelid: villaġġ ta' Popovka, Senno/Sjanno, Reġjun ta' Vitebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Passaport MP2156098	Bħala l-President ta' Belaya Rus, organizzazzjoni ewlenija favur Lukashenka, Genadz Davydzka huwa wieħed mill-propagandisti prinċipali tar-reġim. Fl-appoġġ tiegħu għal Lukashenka, sikwit juża lingwaġġ xewwiexi, u ħeġġeġ il-vjolenza tal-apparat tal-istat fuq dimostranti paċifiċi. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
114.	Volha Mikalaeuna CHAMADANAVA Olga Nikolaevna CHEMODANOVA	Вольга Мікалаеўна ЧАМАДАНАВА Ольга Николаевна ЧЕМОДАНОВА	Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-Twelid: 13.10.1977 Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Grad: Kurunell Passaport: MC1405076	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-persuna ewlenija għall-media tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, Volha Chamadanava qdiet rwol ewlieni fl-aljenazzjoni u fit-tgħawwiġ tal-fatti rigward il-vjolenza kontra d-dimostranti, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza dwarhom. Hija heddet lid-dimostranti paċifiċi u ġġustifikat kontinwament il-vjolenza kontrihom. Peress li kienet tagħmel parti mill-apparat tas-sigurtà u tkellmet f'ismu, hija għaldaqstant qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021
▼M21					
115.	Siarhei Ivanavich SKRYBA Sergei Ivanovich SKRIBA	Сяргей Іванавіч СКРЫБА Сергей Иванович СКРИБА	Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa għall-Ħidma Edukattiva Data tat-twelid: 21.11.1964 / 1965 Post tat-twelid: Kletsk, Reġjun ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz elettroniku: skriba_s@bseu.by	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa (BSEU) għall-ħidma edukattiva, Siarhei Skryba hu responsabbli għas-sanzjonijiet li ttieħdu kontra studenti għas-sehem tagħhom fi protesti paċifiċi, inkluż it-tkeċ-ċija tagħhom mill-università. Xi wħud minn dawn is-sanzjonijiet ittieħdu wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M50					
116.	Siarhei Piatrovich, RUBNIKOVICH Sergei Petrovich RUBNIKOVICH	Сяргей Пятровіч РУБНІКОВІЧ Сергей Петрович РУБНИКОВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa Data tat-twelid: 18.06.1974 Post tat-twelid: Sharkauschyna, Vitebsk/ Viciebsk Region/ Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Siarhei Rubnikovich huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
117.	Aliaksandr Henadzevich BAKHANOVICH Aleksandr Gennadevich BAKHANOVICH	Аляксандр Генадзевіч БАХАНОВІЧ Александр Геннадьевич БАХАНОВИЧ	Posizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni, eks Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest Data tat-twelid: 15.09.1972 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Aliaksandr Bakhanovich kien responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija saru wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. F'Jannar 2023, Aliaksandr Bakhanovich inħatar l-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Belarussja. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Traż litterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
118.	Mikhail Ryhoravich BARAZNA Mikhail Grigorevich BOROZNA	Міхаіл Рыгоравіч БАРАЗНА Михаил Григорьевич БОРОЗНА	Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA) Data tat-twelid: 20.11.1962 Post tat-twelid: Rakusheva, Reġjun/ Oblast ta' Mahileu/ Mogiliev, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA), Mikhail Barazna huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Universita li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Mikhail Barazna hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M50 119.	Maxim Uladzimiravich RYZHANKOU Maxim Vladimirovich RYZHENKOV	Максім Уладзіміравіч РЫЖАНКОЎ Максим Владимирович РЫЖЕНКОВ	Posizzjoni(jiet): Ministru għall-Affarijiet Barranin; L-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 19.06.1972 Post tat-twelid: Minsk, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, Maxim Ryzhankou huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli milli tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-setgħat presidenzjali fil-qasam tal-politika domestika u dik barranija. Għal aktar minn 20 sena tal-karriera tiegħu fis-servizz ċivili tal-Belarussja huwa kellu għadd ta' karigi, fosthom fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u diversi ambaxxati. Bħala l-Ministru għall-Affarijiet Barranin, huwa jkompli jkollu pożizzjoni ta' poter u jimplimenta l-politika barranija tar-reġim ta' Lukashenka. Għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M21 120.	Dzmitry Aliaksandravich LUKASHENKA Dmitry Aleksandrovich LUKASHENKO	Дзмітрый Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА Дмитрий Александрович ЛУКАШЕНКО	Negozjant, president tal-Klabb Sportiv tal-Presidenti Data tat-twelid: 23.03.1980 Post tat-twelid: Mogilev/Mahiliou eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Dzmitry Lukashenka huwa iben Aliaksandr Lukashenka u negozjant. Ilu president tal-Assoċjazzjoni Statali-Pubblika l-"Klabb Sportiv Presidenzjali" mill-2005 u fl-2020 reġà ġie elett f'din il-kariga. Permezz ta' din l-entità, huwa jagħmel negozju u jikkontrolla għadd ta' intrapriżi. Kien preżenti għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
121.	Liliya Valereuna LUKASHENKA (SIAMASHKA) Liliya Valerevna LUKASHENKO (SEMASHKO)	Лілія Валер'еўна ЛУКАШЭНКА (СЯМАШКА) Лилия Валерьевна ЛУКАШЕНКО (СЕМАШКО)	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, direttur ta' gallerija tal-arti Data tat-Twelid: 29.10.1979 Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Identità personali: 4291079A047PB1	Liliya Lukashenka hija mart Viktar Lukashenka u bint tar-rispett ta' Aliaksandr Lukashenka. Hija kienet marbuta mill-qrib ma' għadd ta' kumpanniji ta' profil għoli, li bbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka, inkluż Dana Holdings / Dana Astra u l-impriża Belkhudozhpromysly. Hija kien preżenti, flimkien ma' żewġha Viktar Lukashenka, għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Attwalment hija d-direttriċi tal-gallerija tal-arti "Art Chaos". L-attivitajiet kummerċjali tagħha huma promossi mill-media affiljata mar-reġim. Għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	21.6.2021
▼M50					
122.	Valeri Valerevich IVANKOVICH Valery Valerevich IVANKOVICH	Валерый Валер'евіч ІВАНКОВІЧ Валерий Валерьевич ИВАНКОВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġenerali ta' OJSC "MAZ". Data tat-twelid: 15.02.1971 Post tat-twelid: Novopolotsk, Belarusian SSR (issa Belarus) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' OJSC "MAZ", Valeri Ivankovich iġorr responsabbiltà għad-detenzjoni ta' ħaddiema tal-MAZ fil-bini tal-MAZ mill-forzi tas-sigurtà, u għat-tkeċċija mix-xogħol ta' impjegati tal-MAZ li kienu qed jieħdu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. Huwa nħatar minn Lukashenka bħala membru tal-kummissjoni bil-kompitu li tabbozza emendi għall-kostituzzjoni tal-Belarussja. Għaldaqstant hu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M34					
123.	Aliaksandr Yauhenavich SHATROU Alexander (Alexandr) Evgenevich SHATROV	Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ Александр Евгеньевич ШАТРОВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u eks kap ta' Synesis LLC Data tat-twelid: 9.11.1978 Post tat-twelid: qabel il-USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa, Belarussa ID personali: 3091178A002VF5	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap u eks azzjonist maġġoritarju ta' Synesis LLC, Alexander Shatrov kien responsabbli għal dik id-deċiżjoni ta' dik il-kumpanija li tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta' sorveljanza, Kipod, li tista' tfittex f'fil-mati u tanalizzahom, u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat. Synesis issostni li waqfet tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi bil-pjattaforma Kipod, iżda skont ir-rapporti tal-ByPOL, Kipod għadha tintuża mill-aġenziji tas-sigurtà tal-istat. Synesis hija waħda mir-residenti tal-Hi-Tech Park, maħluqa b'digriet ta' Aliaksandr Lukashenka, u bħala tali tgawdi bosta benefiċċji, inklużż eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu, il-VAT, id-dazju offshore, id-dazji doganali u oħrajn. Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes ibbenefikaw mis-sehem tagħhom fis-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpaniji oħra li tagħhom Shatrov kien proprjetarju jew koproprjetarju, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll ibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern. Huwa għamel stqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u qiegħed f'perspettiva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. Huwa għadu azzjonist ta' Synesis LLC.	21.6.2021
▼M27					
124.	Siarhei Siamionavich TSIATSERYN Sergei Semionovich TETERIN	Сяргей Сямёнавіч ЦЯЦЕРЫН Сергей Семёнович ТЕТЕРИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, sid ta'BelGlobalStart, koproprjetarju ta' VIBEL, eks President tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis Data tat-Twelid: 7.1.1961	Siarhei Tsiatseryn huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fid-distribuzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi (permezz tal-kumpannija tiegħu "BelGlobalStart"), prodotti tal-ikel u għamara. Huwa parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja)Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fl-2019, BelGlobalStart ingħatat opportunità li tibda l-bini ta' ċentru multifunzjonali ta' negozju quddiem il-palazz presidenzjali f'Minsk. Huwa koproprjetarju tal-kumpannija VIBEL li tbigħ reklami fuq għadd ta' stazzjonijiet televiżivi nazzjonali Belarussi. Huwa kien il-president tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis u eks assistent ta' Lukashenka għal kwistjonijiet sportivi.	

▼M50

125.	Mikail Safarbekovich GUTSERIEV	Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Posizzjoni(jiet): Negozjant; Eks azzjonist u president tal-bord ta' eżekuttivi ta' Slavkali; president tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta': JSC Mospromstroi, Industrial Financial Group Safmar JSC, LLC Proekt Grad; Membru tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta' JSC NKNeftisa Data tat-twelid: 9.3.1958 Post tat-twelid: Akmolinsk, USSR (issa Kazakhstan) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Mikail Gutseriev huwa negozjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fis-settur tal-enerġija, fis-settur tal-minerali kritiċi u f'setturi oħra. Barra minn hekk, huwa attiv fis-settur kulturali post-Sovjetiku. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula ġid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. Safmar, entità marbuta ma' Mikail Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li kompliet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi matul il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020. Mikail Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-konsenji taż-żejt. Mikail Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpanija Slavkali, li kienet qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Din kienet l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljuni. Lukashenka wiegħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal "Gutserievsk" f'ġieħ Mikail Gutseriev. Il-proġett Nezhinsky ġie nazzjonalizzat. . Skont il-liġi Belarussa, Mikail Gutseriev għandu jiġi kkumpensat għan-nazzjonalizzazzjoni tal-impjant, u Mikail Gutseriev iddikjara li jinsab f'negozjati mar-reġim rigward il-kwistoni tal-kumpens.	21.6.2021

▼M50

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				In-negozji l-oħrajn ta' Mikail Gutseriev fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negozju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Mikail Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Mikail Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni ta' Lukashenka fl-2020. Fl-istess sena, Lukashenka u Mikail Gutseriev it-tnejn dehru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja. Mikail Gutseriev assista fl-akkwist ta' CT scanners għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-2024, ħtint Lukashenka rebħet il-premju "Chanson of the year award", organizzat mill-istazzjon tar-radju ta' Mikail Gutseriev, li għen biex jinħoloq momentum madwar il-personalità tagħha qabel ma saret mexxejja tal-kampanja għall-elezzjonijiet Belarussi tal-2025. Għaldaqstant Mikail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	

▼M21

126.	Aliaksey Ivanavich ALEKSIN Alexei Ivanovich OLEKSIN	Аляксей Іванавіч АЛЕКСІН Алексей Иванович ОЛЕКСИН	Negozjant, Koproprjetarju tal-Grupp Bremino, Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksei Aleksin huwa wieħed min-negozjanti ewlenin fil-Belarussja, b'interessi ta' negozju fis-setturi taż-żejt u l-enerġija, il-proprjetà immobbli, l-iżvilupp, il-loġistika, it-tabakk, il-bejgħ bl-imnut, il-finanzi u oħrajn. Huwa jgawdi minn relazzjoni mill-qrib ma' Aliaksandr Lukashenka u ma' ibnu u l-eks Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali Viktar Lukashenka. Huwa attiv fil-moviment tal-motoċiklisti fil-Belarussja, passatemp li jaqsam ma' Viktar Lukashenka. Il-kumpannija tiegħu hija s-sid ta' proprjetà f"Alexandria 2" (reġjun ta' Mogilev), magħruf bħala "residenza presidenzjali", li Aliaksandr Lukashenka jżur spiss.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa il-koproprjetarju ta' "Bremino Group" – l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ statali għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Aleksin u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Il-kumpanniji "Inter Tobacco" u "Energo-Oil", li jappartjenu lil Aleksin u membri familjari stretti tiegħu, ingħataw privileġġi esklussivi biex jimportaw prodotti tat-tabakk lejn il-Belarussja, abbażi ta' digriet iffirmat minn Aliaksandr Lukashenka, u rċevew appoġġ mill-istat għall-ħolqien ta' kiosks Tabakierka. Huwa kien allegatament involut fit-twaqqif tal-ewwel kumpannija militari privata approvata mill-gvern fil-Belarussja "Gard-Servis", b'rabtiet irrappurtati mal-apparat tas-sigurtà tal-Belarussja. Għaldaqstant huwa qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	

▼M27

127.	Aliaksandr Mikalaevich ZAITSAU Alexander (Alexandr) Nikolaevich ZAITSEV	Аляксандр Мікалаевіч ЗАЙЦАЎ Александр Николаевич ЗАЙЦЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group u tas-Sohra Group Data tat-Twelid: 22.11.1976 Post tat-twelid: Ruzhany, ir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksandr Zaitsau huwa l-eks assistent ta' Viktar Lukashenka, iben u eks Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali għal Aliaksandr Lukashenka. Permezz ta' aċċess għall-familja Lukashenka Zaitsau jikseb kuntratti ta' valur għoli għan-negozji tiegħu. Huwa kellu u għad għandu rabtiet mill-qrib mas-Sohra Group li ngħata d-dritt li jesporta l-produzzjoni ta' intrapriżi proprjetà tal-istat (tratturi u trakkijiet) fil-pajjiżi tal-Golf u pajjiżi Afrikani. Huwa wkoll il-koproprjetarju u l-president tal-Kunsill tal-parteċipanti ta' Bremino Group. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Zaitsau u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
128.	Ivan Branislavavich MYSLITSKI Ivan Bronislavovich MYSLITSKIY	Іван Браніслававіч МЫСЛІЦКІ Иван Брониславович МЫСЛИЦКИЙ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 23.10.1976 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Ivan Myslitski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M34

129.	Aleh Mikalaevich, BELIAKOU Oleg Nikolaevich BELIAKOV	Алег Мікалаевіч БЕЛЯКОЎ Олег Николаевич БЕЛЯКОВ	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal-persunal fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Aleh Beliakou kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Kap tad-Dipartiment tal-ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal-persunal fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
130.	Uladzislau Aliakseevich MANDRYK Vladislav Alekseevich MANDRIK	Уладзіслаў Аляксеевіч МАНДРЫК Владислав Алексеевич МАНДРИК	Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 04.07.1971 Post tat-twelid: Karta tal-identità nazzjonali: 3040771A125PB2; Passaport: MP3810311. Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Uladzislau Mandryk huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M34

131.	Andrei Mikalaevich DAILIDA Andrei Nikolaevich DAILIDA	Андрэй Мікалаевіч ДАЙЛІДА Андрей Николаевич ДАЙЛИДА	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ minn Wara l-Kwinti fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 1.7.1974 Post tat-twelid: Passaport: KH2133825 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Andrei Dailida kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għall-ħidma tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, f'Diċembru 2020 huwa ngħata l-Ordni Presidenzjali għas-servizz lill-Art tat-twelid u għalhekk ibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M34

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Appoġġ minn Wara l-Kwinti fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	

▼M21

132.	Aleh Mikalaevich LASHCHYNOUSKI Oleg Nikolaevich LASHCHINOVSKII	Алег Мікалаевіч ЛАШЧЫНОЎСКІ Олег Николаевич ЛАЩИНОВСКИЙ	Eks Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 12.05.1963 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Aleh Lashchynouski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet Belarussi u l-miżuri ta' repressjoni meħuda hemmhekk, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
133.	Zhana Uladzimirauna BATURYTSKAIA Zhanna Vladimirovna BATURITSKAYA	Жана Уладзіміраўна БАТУРЫЦКАЯ Жанна Владимировна БАТУРИЦКАЯ	Kap tad-Direttorat għall-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 20.04.1972 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha ta' Kap tad-Direttorat għall-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Zhana Baturitskaia hija responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Fil-pożizzjoni tagħha, iġġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat, tortura brutali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

▼M50

134.	Dzmitry Mikalaevich STREBKOU Dmitry Nikolaevich STREBKOV	Дзмітрый Мікалаевіч СТРЭБКОЎ Дмитрий Николаевич СТРЕБКОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Prison No. 8 f'Zhodino; Deputat tal-Kunsill tal-Belt ta' Zhodino Data tat-twelid: 19.03.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tal-Prison No. 8 f'Zhodino, Dzmitry Strebkou huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi fiċ-ċentru ta' detenzjoni u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni, inkluż fiċ-ċentru ta' detenzjoni temporanju tagħha, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	21.6.2021

▼M21

135.	Yauhen Andreevich SHAPETSKA Evgeniy Andreevich SHAPETKO	Яўген Андрэевіч ШАПЕЦЬКА Евгений Андреевич ШАПЕТЬКО	Kap taċ-ċentru ta' iżolament għat-trasgressuri f'Akrestina Data tat-twelid: 30.03.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap taċ-Ċentru ta' Iżolament għat-Trasgressuri f'Akrestina, Yauhen Shapetska huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi fiċ-ċentru ta' iżolament u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
136.	Ihar Ryhoravich KENIUKH Igor Grigorevich KENIUKH	Ігар Рыгоравіч КЕНЮХ Игорь Григорьевич КЕНЮХ	Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 21.01.1980 Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Gomel, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina, Ihar Keniukh huwa responsabbli għal kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għamel pressjoni fuq il-persunal mediku biex jitneħħew it-tobba li jissimpatizzaw mad-dimostranti. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha," l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
137.	Hleb Uladzimiravich DRYL Gleb Vladimirovich DRIL	Глеб Уладзіміравіч ДРЫЛЬ Глеб Владимирович ДРИЛЬ	Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 12.05.1980 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju, Hleb Dryl huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Skont ix-xhieda tax-xhud, xi nisa detenuti mid-9 sat-12 ta' Awwissu 2020 ġew msawta b'mod aħrax fiċ-ċentri tad-detenzjoni. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha", l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
138.	Uladzimir Iosifavich LAPYR Vladimir Yosifovich LAPYR	Уладзімір Іосіфавіч ЛАПЫР Владимир Иосифович ЛАПЫРЬ	Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 21.08.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina, Uladzimir Lapyr huwa responsabbli għal kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha," l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
139.	Aliaksandr Uladzimiravich VASILIUK Alexander (Alexandr) Vladimirovich VASILIUK	Аляксандр Уладзіміравіч ВАСІЛЮК Александр Владимирович ВАСИЛЮК	Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 08.05.1975 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksandr Vasiliuk huwa responsabbli għal persekuzzjonijiet u detenzjoni politikament motivati, b'mod partikolari tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni, inkluż il-mexxejja tal-oppożizzjoni Belarussa Mariya Kalesnikava li hija meqjusa priġunier politiku minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa responsabbli wkoll għad-detenzjoni ta' diversi rappreżentanti tal-media tal-oppożizzjoni. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
140.	Yauhen Anatolevich ARKHIREEU Evgeniy Anatolevich ARKHIREEV	Яўген Анатольевіч АРХІРЭЕЎ Евгений Анатольевич АРХИРЕЕВ	Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet, Uffiċċju Ċentrali tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 1.07.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Yauhen Arkhireeu huwa responsabbli għall-ftuħ ta' proċedimenti kriminali politikament motivati u l-investigazzjoni tagħhom, b'mod partikolari tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni u dimostranti oħrajn. Dawn l-investigazzjonijiet għandhom l-għan li jintimidaw id-dimostranti, kif ukoll li jikkriminalizzaw il-parteċipazzjoni f'dimostrazzjonijiet paċifiċi. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
141.	Aliaksei Iharavich KAURYZHKIN Alexey Igorovich KOVRYZHKIN	Аляксей Ігаравіч КАЎРЫЖКІН Алексей Игоревич КОВРИЖКИН	Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet fid-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 03.11.1981 Post tat-twelid: Bobruisk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksei Kauryzhkin huwa responsabbli għal persekuzzjonijiet u detenzjoni politikament motivati, b'mod partikolari tal-membri tat-tim tal-kampanja presidenzjali ta' Viktar Babarika u tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni, inkluż l-avukat Maxim Znak li huwa meqjus priġunier politiku minn organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
142.	Aliaksandr Dzmitryevich AHAFONAU Alexander (Alexandr) Dmitrievich AGAFONOV	Аляксандр Дзмітрыевіч АГАФОНАЎ Александр Дмитриевич АГАФОНОВ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet, Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 13.03.1982 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksandr Ahafonau huwa responsabbli għall-persekuzzjonijiet u l-arresti politikament motivati tal-kandidat presidenzjali Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u żewġ il-kandidata presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya u attivisti politiċi oħrajn, inkluż Mikalai Statkevich u Dzmitry Kazlou. Siarhei Tsikhanousky, Dzmitry Kazlou u Mikalai Statkevich huma rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
143.	Kanstantsin Fiodaravich BYCHAK Konstantin Fedorovich BYCHEK	Канстанцін Фёдаравіч БЫЧАК Константин Фёдорович БЫЧЕК	Kap tat-Taqsima tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tal-KGB Data tat-twelid: 20.09.1985 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Taqsima tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tal-KGB, Kanstantin Bychak issorvelja l-investigazzjoni politikament motivata tal-kandidat presidenzjali Viktar Babarika. Il-kandidatura ta' Babarika ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq rapport mill-KGB u dikjarazzjonijiet televiżivi uffiċjali li fihom Bychak iddikjara li Babarika kien ħati ta' ħasil tal-flus waqt li l-investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Fis-26 ta' Ottubru 2020, Bychak hedded lid-dimostranti paċifiċi fuq it-televiżjoni tal-gvern billi ddikjara li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiġu kklassifikati bħala atti ta' terroriżmu. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili demokratika.	

▼M27

144.	Andrei Siarheevich BAKACH Andrei Sergeevich BAKACH	Андрэй Сяргеевіч БАКАЧ Андрей Сергеевич БАКАЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaysky ta' Minsk L-ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna. Data tat-Twelid: 19.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Pervomaysky f'Minsk, Andrei Bakach kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi tal-pulizija li jappartjenu għal dik iż-żona tal-pulizija u għall-azzjonijiet li seħħew fl-għassa tal-pulizija. Matul il-mandat tiegħu ta' Kap, id-dimostranti paċifiċi f'Minsk ġew soġġetti għal trattament kiefer, inuman u degradanti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Grodno/Hrodna.	21.6.2021

▼M21

145.	Aliaksandr Uladzimiravich, PALULEKH Aleksandr Vladimirovich POLULEKH	Аляксандр Уладзіміравіч ПАЛУЛЕХ Александр Владимирович ПОЛУЛЕХ	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 25.06.1979 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-Direttorat tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, Aliaksandr Palulekh huwa responsabbli għar-repressjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija f'dan id-distrett kontra d-dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bil-maltrattament, inkluż tortura, tad-dimostranti paċifiċi li ġew detenuti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
146.	Aliaksandr Aliaksandravich ZAKHVITSEVICH Aleksandr Aleksandrovich ZAKHVITSEVICH	Аляксандр Аляксандравіч ЗАХВІЦЭВІЧ Александр Александрович ЗАХВИЦЕВИЧ	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 01.01.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, Aliaksandr Zakhvitsevich jissorvelja l-pulizija tas-sigurtà pubblika u huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Distrett ta' Frunzenskiy wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi f'dan id-distrett. L-uffiċjali taħt is-superviżjoni ta' Zakhvitsevich użaw it-tortura fil-konfront tad-detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M38

147.	Siarhei Uladzimiravich USHAKOU Sergei Vladimirovich USHAKOV	Сяргей Уладзіміравіч УШАКОЎ Сергей Владимирович УШАКОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap, eks Deputat Kap, tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 22.8.1980 Post tat-twelid: Minsk, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, li jissorvelja l-pulizija kriminali, Siarhei Ushakou kien responsabbli mill-azzjonijiet tas-subordinati tiegħu, speċjalment it-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Distrett ta' Frunzensky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi. L-uffiċjali taħt is-superviżjoni diretta ta' Ushakou użaw it-tortura fil-konfront tad-detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Attwalment, huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
148.	Siarhei Piatrovich ARTSIOMENKA Sergei Petrovich ARTEMENKO / ARTIOMENKO	Сяргей Пятровіч АРЦЁМЕНКА Сергей Петрович АРТЁМЕНКО	Viċi Kap tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 26.03.1973 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, fejn jissorvelja l-pulizija tas-sigurtà pubblika, Siarhei Artemenko huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, mis-subordinati tiegħu fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaiskiy f'Minsk li seħħ wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi. Eżempju wieħed huwa l-maltrattament ta' Maxim Haroshin, sid ħanut tal-fjuri, li ġie arrestat wara li ta fjuri lill-parteċipanti tal-Marċ tan-Nisa fit-13 ta' Ottubru 2020. Artemenko għamel pressjoni fuq iċ-ċittadini biex ma jiħdux sehem fid-dimostrazzjonijiet paċifiċi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
267.	Iryna Leanidauna MAIKO Irina Leonidovna MAIKO	Ірына Леанідаўна МАЙКО Ирина Леонидовна МАЙКО	Imħallef tal-Minsk Regional Court Data tat-twelid: 25.11.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4251174A007PB7	Iryna Maiko hija mħallef Belarussa tal-Qorti Reġjonali ta' Minsk. Hija nħatret minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet sentenzi kontra ċittadini li esprimew l-opinjonijiet tagħhom kontra l-President u l-awtoritajiet tar-reġim, eż. Roman Yankouski u Mikhail Nemtsov, għad-dissens li esprimew fuq il-media soċjali u offline. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
268.	Vasili Vasilievich BIAGUN Vasily Vasilyevich BEGUN	Васілій Васільевіч БЯГУН Василий Васильевич БЕГУН	Imħallef tal-Gomel Regional Court Data tat-twelid: 9.12.1960 Post tat-twelid: Kondopoga, Republic of Karelia, Russia Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vasily Biagun huwa mħallef Belarussu li serva fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel mill-2003. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Biagun ħareġ bosta deċiżjonijiet kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi, inkluż sentenzi kontra individwi għall-attività tagħhom fuq il-media soċjali. Huwa ħareġ ukoll sentenzi ta' ħabs politikament motivati kontra Nikita Slepenka (tliet snin) u Pavel Bobchenko (sentejn). Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
269.	Yauheni Anatolevich BREGAN Evgeni Anatolevich BREGAN	Яўгеній Анатольевіч БРЭГАН Евгений Анатольевич БРЕГАН	Imħallef tal-Brest Regional Court Data tat-twelid: 26.3.1982 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3260382K020PB0	Yauheni Bregan huwa mħallef Belarussu tal-Qorti Reġjonali ta' Brest. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Qabel huwa kien imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Moskovsky f'Brest u mħallef tal-belt ta' Baranovichi fir-reġjun ta' Brest. Huwa ħareġ sentenzi kontra għadd kbir ta' ċittadini tal-Belarussja akkużati, fost affarijiet oħra, li ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim Belarussu f'Awwissu 2020. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
270.	Aliaksandr Mikalaevich MOKHORAU Alexander Nikolaevich MOKHOREV	Аляксандр Мікалаевіч МОХОРАЎ Александр Николаевич МОХОРЕВ	Imħallef ta' Soviet District Court tal-belt ta' Gomel Data tat-twelid: 16.4.1986 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3160486H031PB9	Aliaksandr Mokhorau huwa mħallef Belarussu li serva fil-Qorti Distrettwali Sovjetika tal-belt ta' Gomel mill-2021. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President, is-sistema u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
271.	Alesya Uladzimiravna OSIPAVA Olesya Vladimirovna OSIPOVA	Алеся Уладзіміраўна ОСІПАВА Олеся Владимировна ОСИПОВА	Imħallef ta' Central District Court tal-belt ta' Gomel Data tat-twelid: 4.9.1979 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4040979H059PB4	Alesya Osipava hija mħallef Belarussa li ilha sservi fil-Qorti Distrettwali Ċentrali tal-belt ta' Gomel mill-2019. Hija nħatret minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet sentenzi kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President, is-sistema u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
272.	Viktar Viktaravich NOVIK Viktor Viktorovich NOVIK	Віктар Віктаравіч НОВІК Виктор Викторович НОВИК	Imħallef, President tal-Qorti, Zhabinka District Data tat-twelid: 27.5.1963 Post tat-twelid: Beloye, Mamlyutsky district, North Kazakhstan region, Kazakhstan Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3270563K025PB7	Viktar Novik huwa mħallef Belarussu li ilu jservi fil-Qorti Distrettwali ta' Zhabinka mill-2017. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Novik joħroġ bosta deċiżjonijiet kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Huwa ħareġ sentenzi ta' ħabs politikament motivati kontra Vitali Ivanyukovich (sentejn), Natalia Letsko (sena), Andrei Vlasov u Yulia Suvalko (tliet snin) u Valentin Shumik (sentejn). Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
273.	►C8 Vadzim Rastsislavavich MURASHKA Vadim Rostislavovich MURASHKO ◄	Вадзім Расціслававіч МУРАШКА Вадим Ростиславович МУРАШКО	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No. 13 Data tat-twelid: 20.6.1979 Post tat-twelid: Bortniki, Hlybokaye District, Vitebsk Region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3200679E065PB6	Vadzim Murashka huwa ċittadin Belarussu u kap tal-istituzzjoni korrettiva tal-Kolonja Penali Nru 13, ħabs b'sigurtà massima fejn jinżammu għadd ta' priġunieri politiċi, inkluż Nikolai Statkevich, Vitaly Melnik u Sergei Vereshkhagin. Il-priġunieri tal-Kolonja Nru 13 jiffaċċaw kundizzjonijiet inumani u huma soġġetti għal abbuż. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
274.	Siarhei Uladzimiravich BIAREISHYK Sergey Vladimirovich BEREISHIK	Сяргей Уладзіміравіч БЯРЭЙШЫК Сергей Владимирович БЕРЕЙШИК	Viċi kap ta' pretrial detention center No. 1 "Voldarka" Data tat-twelid: 31.10.1976 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3311076A076PB6	Siarhei Biareishyk huwa l-viċi kap taċ-Ċentru ta' Arrest Preventiv Nru 1 "Voldarka". F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti, inkluż swat, iffullar u nuqqas ta' trattament mediku u tagħmir sanitarju xieraq. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma detenuti politiċi, bħall-attivist tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur tal-assoċjazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Belarussa Viasna u Rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski, li kien detenut f'"Voldarka" sa Ottubru 2024. Siarhei Biareishyk huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
275.	Mikalai Mikalaevich MUSHKAROU Nikolai Nikolaevich MUSHKAROV	Мікалай Мікалаевіч МУШКАРОЎ Николай Николаевич МУШКАРОВ	Viċi kap ta' labour service in Pre-trial Detention Center No. 1 "Voldarka" Data tat-twelid: 19.12.1980 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3191280A031PB0	Mikalai Mushkarou huwa l-viċi kap tas-servizz tax-xogħol fiċ-Ċentru ta' Arrest Preventiv Nru 1 "Voldarka". F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti prinċipalment politiċi, inkluż swat, iffullar u nuqqas ta' trattament mediku u tagħmir sanitarju xieraq. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma detenuti politiċi, bħall-attivist tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur ta' Viasna u Rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski, li kien detenut f'"Voldarka" sa Ottubru 2024. Mikalai Mushkarou huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
276.	Siarhei Mikalaevich PETRAKOVICH Sergey Nikolaevich PETRAKOVICH	Сяргей Мікалаевіч ПЕТРАКОВІЧ Сергей Николаевич ПЕТРАКОВИЧ	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No.9 Data tat-twelid: 26.10.1976 Post tat-twelid: Stan, Gorki District, Mogilev Region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3261076M062PB5	Siarhei Petrakovich huwa l-kap tal-Kolonja Penali Nru 9. F'din il-pożizzjoni huwa responsabbli għat-trattament inuman tal-priġunieri, inkluż l-iżolament u s-swat. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma priġunieri politiċi, bħal Mikola Dedok u r-rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski. Siarhei Petrakovich huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
277.	Viktar Piatrovich LUTTSAU Viktor Petrovich LUTSEV	Віктар Пятровіч ЛУТЦАЎ Виктор Петрович ЛУТЦЕВ	Kap tal-unità medika, Prison No. 1 fi Grodno Data tat-twelid: 24.12.1985 Post tat-twelid: Grodno, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3241285K026PB1	Viktar Luttsau huwa l-kap tal-unità medika fil-Ħabs Nru 1 fi Grodno. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti u għan-nuqqas ta' assistenza medika xierqa u f'waqtha. In-nuqqas ta' trattament mediku xieraq wassal għall-mewt tal-priġunier politiku Ales Pushkin, li ma ngħatax assistenza medika f'waqtha. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
278.	Ihar Tsimafeevich SUBOTSIN Igor Timofeyevich SUBBOTIN	Ігар Цімафеевіч СУБОЦІН Игорь Тимофеевич СУББОТИН	Negozjant Data tat-twelid: 15.10.1951 Post tat-twelid: Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3151051A006PB8	Ihar Subotsin huwa assoċjat mill-qrib fit-tul ta' Alexander Shakutin. Ihar Subotsin ilu jaħdem ma' Alexander Shakutin mill-bidu tas-snin 1990 u kien ukoll l-assistent tiegħu meta Alexander Shakutin kien membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja u l-viċi tiegħu fil-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis. Kemm Alexander Shakutin kif ukoll Ihar Subotsin huma azzjonisti fil-kumpaniji li ġejjin: SIA Anulatrans (Latvja), SV Maschinen GmbH (Ġermanja), PMI Engineering LLC (Belarussja), SALEO LLC (Belarussja), UAB EM System (Litwanja).	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huma kofundaturi u koproprjetarji ta’ Prommedinvest, li issa tissejjaħ SALEO LLC (Belarussja). Din il-kumpanija hija wkoll parzjalment proprjetà ta’ EM System, PMI Engineering, u SV Maschinen GmbH, li kemm Shakutin kif ukoll Subotsin huma azzjonisti tagħha. Ihar Subotsin huwa għaldaqstant assoċjat ma’ Alexander Shakutin.	
279.	Aliaksei Ivanovich SHVAKAU Alexey Ivanovich SHVAKOV	Аляксей Іванавіч ШВАКОЎ Алексей Иванович ШВАКОВ	President tal-Belarusian Republican Bar Association (mill-14 ta’ Frar 2022); eks president tal-Assoċjazzjoni tal-Minsk City Bar Association (26 ta’ April 2012 – 20 ta’ Frar 2022) Data tat-twelid: 5.10.1964 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: 3051064A050PB	Fir-rwol tiegħu bħala President tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Repubblikana Belarussa, Aliaksei Shvakau kien qed imexxi u jsawwar il-politika tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Repubblikana Belarussa dwar repressjoni sistemika kontra avukati li jirrappreżentaw klijenti f’każijiet politikament motivati jew li jitkellmu kontra abbużi mir-reġim ta’ Lukashenko. Fir-rwol preċedenti tiegħu bħala president tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Belt ta’ Minsk, huwa kellu wkoll fil-mira tiegħu avukati li jirrappreżentaw lil klijenti f’każijiet politikament motivati. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u l-attivitajiet li jdgħajfu l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	16.12.2024
280.	Aleh Genadzevich ARLOU Oleg Gennadievich ORLOV	Алег Генадзевіч АРЛОЎ Олег Геннадьевич ОРЛОВ;	Data tat-twelid: 18.7.1969 Post tat-twelid: Azerbaijan Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: MP3428828	Aleh Arlou huwa negozjant li jopera fil-Belarussja. Huwa s-sid ta’ Ruzekspeditsiya LLC mis-7 ta’ Awwissu 2023. Mill-2019, il-kumpanija ta’ Aleh Arlou mexxiet in-negozju tagħha miż-Żona Ekonomika Speċjali (SEZ) ta’ Bremino-Orsha, stabbilita b’digriet presidenzjali ta’ Aliaksandr Lukashenka, li hija ġestita minn Bremino Group LLC. Il-kumpaniji stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Speċjali ta’ Bremino-Orsha jibbenefikaw minn vantaġġi fiskali u oħrajn finanzjarji. Is-SEZ ta’ Bremino-Orsha tospita u għalhekk tagħti dawn il-benefiċċji lil sitt kumpaniji biss, inkluż Bremino Group LLC. Id-deċiżjoni dwar min jista’ jaqsam il-benefiċċji tas-SEZ ta’ Bremino-Orsha billi jsir residenti tagħha, hija biss f’idejn Bremino Group LLC bħala l-kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tas-SEZ.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Skont l-investigazzjonijiet tal-ġurnalisti, Ruzekspeditsiya hija involuta fi skema ta' evażjoni tas-sanzjonijiet li tikkonċerna r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Minn dan isegwi li Arlou huwa assoċjat ma' entitajiet elenkati taħt ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jiġifieri Ruzekspeditsiya LLC u Bremino Group. Permezz tas-sjieda tiegħu tal-kumpanija huwa jibbenefika wkoll mill-vantaġġi mogħtija lil Ruzekspeditsiya LLC mir-reġim. Huwa jipparteċipa wkoll fi skema mfassla biex tfixkel ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006.	
281.	Andrei Aliakseevich RYBAKOU Andrei Alekseevich RYBAKOV	Андрэй Аляксеевіч РЫБАКОЎ Андрей Алексеевич РЫБАКОВ	Direttur Ġenerali ta' OAO Belaruskali Eks President tat-Thassib tal-Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim) Data tat-twelid: 11.7.1976 Post tat-twelid: Mohiliow (Mogilev), Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrei Rybakou huwa d-Direttur Ġenerali ta' OAO Belaruskali. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukahsenka fl-4 ta' Novembru 2024, li meta ssostitwixxa lil Ivan Golovaty. Lukashenka ddeskriva lil Belaruskali bħala "intrapriża vitali li tifforma l-istat". Qabel, Rybakou kien il-President tal-Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim), sanzjonata mill-UE mit-3 ta' Awwissu 2023. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-produzzjoni tar-raffineriji taż-żejt Belarussi, operazzjoni vitali għar-reġim ta' Lukashenka. Dmitri Krutoi, il-Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Belarussja, iddikjara li Rybakou nħatar speċifikament għall-"esperjenza speċifika" tiegħu fit-tmexxija tal-entità "l-aktar sanzjonata" – Belneftekhim. Għalhekk, Andrei Rybakou jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah billi jimmaniġġa kumpaniji tal-istat ta' importanza kbira għar-reġim. Huwa assoċjat ukoll mal-entità sanzjonata OAO Belaruskali, bħala d-Direttur Ġenerali tagħha.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
282.	Aleh Fyedaravych BARABANAU Oleg Fedorovich BARABANOV	Алег Федаровіч БАРАБАНАЎ Олег Федорович БАРАБАНОВ	Data tat-twelid: 29.8.1956 Post tat-twelid: Grodno region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Nru tal-passaport: KH2539329 Karta tal-Identità Nazzjonali: 3290856K010PB6	Aleh Barabanau huwa d-direttur u s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Barabanau jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024
283.	Aleh Ramualdavych HERASIM Oleg Romualdovich GERASIM	Алег Рамуальдавіч ГЕРАСІМ Олег Ромуальдович ГЕРАСИМ	Data tat-twelid: 3.3.1962 Post tat-twelid: Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: MP3293367 Karta tal-Identità Nazzjonali: 3030362A074PB6	Aleh Herasim huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Herasim jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024
284.	Aleh Uladzimiravych PIATROU Oleg Vladimirovich PETROV	Алег Уладзіміравіч ПЯТРОЎ Олег Владимирович ПЕТРОВ	Data tat-twelid: 26.3.1962 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Nru tal-passaport: OI110473	Aleh Piatrou huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha status ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Piatrou jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
285.	Andrei Ryhoravich SVIRYDAU Andrei Grigoryevich SVIRIDOV	Андрэй Рыгоравіч СВІРЫДАЎ Андрей Григорьевич СВИРИДОВ	Direttur finanzjarju ta' Dimicandum Invest Holding LTD Data tat-twelid: 24.11.1983 Post tat-twelid: Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: KH 1801845	Andrei Svirydau huwa d-direttur finanzjarju ta' Dimicandum Invest Holding LTD, kumpanija stabbilita fl-UE. Fl-2022 u l-2023, Dimicandum Invest Holding LTD ipprovdiet servizzi ta' trasport u ta' spedizzjoni lil OJSC Belaruskali – li ilha ddeżinjata mill-Unjoni mill-2022 – bi prezz kważi d-doppju tar-rata tas-suq. Bħala direttur finanzjarju ta' Dimicandum, Svirydau ffirma dokumenti li jikkonfermaw dan il-ftehim, li jiffaċilita l-imminar tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Minn dan isegwi li billi għamel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' OJSC Belaruskali, Andrei Svirydau fixkel b'mod sinifikanti l-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Barra minn hekk, Andrei Svirydau qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah billi jiffaċilita l-esportazzjoni tal-fertilizzanti potassiċi tal-Belarussja.	16.12.2024
286.	Dzmitry Mihaylavych ZAMULEVICH Dmitriy Mikhailovich ZAMULEVICH	Дзмітрый Міхайлавіч ЗАМУЛЕВІЧ Дмитрий Михайлович ЗАМУЛЕВИЧ	Sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC Data tat-twelid: 7.5.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport Belarussu: BM2229283 Karta tal-Identità tal-Belarussja: 3070574E057PB8	Dzmitry Zamulevich huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, tgawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tas-sjieda ta' Vlate Logistik LLC, Zamulevich huwa assoċjat ma' entità li tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
287.	Uladzimir Mihaylavych ARKADZYEU Vladimir Mikhailovich ARKADIEV	Уладзімір Міхайлавіч АРКАДЗЬЕЎ Владимир Михайлович АРКАДЬЕВ	Part-owner of Vlate Logistik LLC Data tat-twelid: 23.4.1965 Post tat-tweild: Russia Nazzjonalità: Russa u Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport Belarussu: KH2757270 Karta tal-Identità tal-Berlarussja: 3230465K000PB5 Numru tal-Passaport Russu: KH1935655	Uladzimir Arkadzyeu huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, tgawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tas-sjieda ta' Vlate Logistik LLC, Zamulevich huwa assoċjat ma' entità li tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024

▼M44

288.	Aliaksei Uladzimiravich BASHAN Alexey Vladimirovich BASHAN	Аляксей Уладзіміравіч БАШАН Алексей Владимирович БАШАН	Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 28.2.1975 Numru tal-passaport: 3280275A062PB3 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aliaksei Bashan huwa l-Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala Viċi President, Aliaksei Bashan huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksei Bashan huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
289.	Alena Anatolieuna BALDOUSKAYA Elena Anatolyevna BALDOVSKAYA	Алена Анатольеўна БАЛДОЎСКАЯ Елена Анатольевна БАЛДОВСКАЯ	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 14.4.1980 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4140480B020PB4	Alena Baldouskaya hija s-Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala Segretarju, Alena Baldouskaya hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Alena Baldouskaya hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
290.	Dzianis Uladzimiravich DUK Denis Vladimirovich DUK	Дзяніс Уладзіміравіч ДУК Денис Владимирович ДУК	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 29.5.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3290577E034PB4	Dzianis Duk huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Dzianis Duk huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Dzianis Duk huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
291.	Alena Kanstantinauna KUNTSEVICH Elena Konstantinovna KUNTSEVICH	Алена Канстанцінаўна КУНЦЭВІЧ Елена Константиновна КУНЦЕВИЧ	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 30.4.1971 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4300471C014PB0	Alena Kuntsevich hija membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Alena Kuntsevich hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Alena Kuntsevich hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
292.	Aliaksandr Genadzevich TKACHOU Alexander Gennadievich TKACHEV	Аляксандр Генадзьевіч ТКАЧОЎ Александр Геннадьевич ТКАЧЕВ	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 17.9.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3170977H042PB1	Aliaksandr Tkachou huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Aliaksandr Tkachou huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksandr Tkachou huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Traślitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traślitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
293.	Katsiaryna Aliaksandrauna FEDASENKA Ekaterina Alexandrovna FEDOSENKO	Кацярына Аляксандраўна ФЕДАСЕНКА Екатерина Александровна ФЕДОСЕНКО	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid: 20.12.1976 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4201276K012PB1	Katsiaryna Fedasenka hija membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Katsiaryna Fedasenka hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Katsiaryna Fedasenka hija responsabbli li dgħajfet serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
294.	Aliaksandr Uladzimiravich YUZHIK Alexander Vladimirovich YUZHIK	Аляксандр Уладзіміравіч ЮЖЫК Александр Владимирович ЮЖИК	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Data tat-twelid 25.4.1975 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3250475K039PB6	Aliaksandr Yuzhik huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Belarussa. Bħala membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Aliaksandr Yuzhik huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjoni presidenzjali tal-2025, li la kienet ħielsa u lanqas ġusta. L-elezzjoni kissret liġijiet bażiċi u standards internazzjonali ta' ġustizzja u trasparenza, u r-riżultati ġew iffalsifikati. Għaldaqstant Aliaksandr Yuzhik huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	27.3.2025
295.	Aleh Aliaksandravich RAMANAU Oleg Aleksandrovich ROMANOV	Алег Аляксандравіч РАМАНАЎ Олег Александрович РОМАНОВ	Mexxej tal-partit “Belaya Rus” President tal-assoċjazzjoni pubblika repubblikana “Belaya Rus” Data tat-twelid: 9.8.1975 Post tat-twelid: Grodno (Hrodna), Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleh Ramanau ilu jappoġġa lill-President Lukashenka għal żmien twil. Fl-2022 Aleh Ramanau ġie elett bħala President ta' “Belaya Rus”, assoċjazzjoni pubblika favur ir-reġim, li bidel fl-akbar partit politiku fil-Belarussja, b'maġġoranza ta' siġġijiet fil-Parlament. Fl-2021, Aliaksandr Lukashenka ħatar lil Aleh Ramanau bħala Rettur tal-Università Statali ta' Polotsk fejn dam sal-2022. Aleh Ramanau kien ukoll membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Belarussja tas-seba' konvokazzjoni mis-6 ta' Diċembru 2019 sat-22 ta' Marzu 2024. Bħala President ta' “Belaya Rus”, Aleh Ramanau jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
296.	Nastassia Paulauna PAPKO Anastasia Pavlovna POPKO	Настасся Паўлаўна ПАПКО Анастасия Павловна ПОПКО	Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 13.12.1984 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4131284A078PB8	Nastassia Papko hija Mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Mill-inqas minn Awwissu 2020, kienet qed tagħti sentenzi politikament motivati kontra rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'sentenzi ta' ħabs ta' aktar minn 10 snin imposti f'mill-inqas ħames każijiet. Għalhekk Nastassia Papko responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	27.3.2025
297.	Yury Viktaravich NAZARAU Yury Viktorovich NAZAROV	Юрый Віктаравіч НАЗАРАЎ Юрий Викторович НАЗАРОВ	Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 7.2.1962 Post tat-twelid: Belarus Numru tal-passaport: MP4071150 (maħruġ fl-4.10.2017) ID personali: 3070262M082PB4	Yury Nazarau huwa l-Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Il-Belarus President Property Management Directorate (PPMD) huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li mill-bidu tiegħu evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Yury Nazarau jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana "Tsentrkurort" (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana "Hotel Minsk", il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti "Hotel Planeta", l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
298.	Mikalai Uladzimiravich SHKRED Nikolai Vladimirovich SHKRED	Мікалай Уладзіміравіч ШКРЭД Николай Владимирович ШКРЕД	L-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate Eks Viċi Kap tas-Servizz ta' Sigurtà tal-President tal-Belarussja Data tat-twelid: 26.4.1981 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP4388698 (maħruġ fis-17.7.2019) ID personali: 3260481A001PB5	Mikalai Shkred huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate u eks Viċi Kap tas-Servizz ta' Sigurtà tal-President ta' Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li mill-bidu tiegħu evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Mikalai Shkred jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana “Tsentrkurort” (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana “Hotel Minsk”, il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti “Hotel Planeta”, l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025
299.	Anton Mikhailavich KRAEUSKY Anton Mikhailovich KRAEVSKY	Антон Міхайлавіч КРАЕЎСКІ Антон Михайлович КРАЕВСКИЙ	Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 22.8.1982 Numru tal-passaport: MP4083089 (maħruġ fit-2.11.2017) Nru ta' identifikazzjoni personali: 3220882A100PB8	Anton Kraeusky huwa l-Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Kumpaniji subordinati ta' PPMD, bħal Belorusskiye Loterei, ukoll jibbenefikaw mill-konnessjoni tagħhom mar-reġim permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali. Min-naħa l-oħra, ir-reġim jibbenefika minn dħul addizzjonali.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Bħala Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Anton Kraeusky jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana "Tsentrkurort" (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana "Hotel Minsk", il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti "Hotel Planeta", l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	
300.	Mikalai Mikhailavich RAHASHCHUK Nikolai Mikhailovich ROGASHCHUK	Мікалай Міхайлавіч РАГАШЧУК Николай Михайлович РОГАЩУК	Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Data tat-twelid: 22.4.1979 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP4274241 (maħruġ fid-29.11.2018) ID personali: 3220479C043PB6	Mikalai Rahashchuk huwa Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Id-Direttorat huwa korp governattiv Belarussu subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Id-Direttorat beda bħala unità żgħira li timmaniġġja l-inventarju, il-loġistika u l-benesseri tal-aġenziji tal-gvern, u li evolva fl-akbar operatur tal-proprjetà mhux residenzjali u tal-lotteriji fil-Belrussja. B'hekk jiġġenera dħul għar-reġim. Bħala Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, Mikalai Rahashchuk jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Huwa assoċjat ukoll ma' Synesis LLC u s-sussidjarji tad-Direttorat: GHU – Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, l-intrapriża unitarja Repubblikana "Tsentrkurort" (issa magħquda ma' BelExpo), l-intrapriża unitarja sussidjarja Repubblikana "Hotel Minsk", il-Kumpanija miftuħa b'ishma konġunti "Hotel Planeta", l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
301.	Dzmitry Mikalaevich SHVEDKA Dmitry Nikolaevich SHVEDKO	Дзмітрый Мікалаевіч ШВЕДКА Дмитрий Николаевич ШВЕДКО	Negozjant, azzjonist maġġoritarju u direttur ta' Ridotto LLC. Data tat-twelid: 17.1.1979 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP3615765 (maħruġ fid-19.2.2015)	Dzmitry Shvedka huwa negozjant Belarussu. Huwa azzjonist maġġoritarju u direttur ta' Ridotto LLC, kumpanija Belarussa tal-IT li tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' applikazzjoni tal-logħob tal-azzard online. Ridotto LLC żviluppat u tieħu ħsieb il-każinò online Belbet għar-Republican Unitary Enterprise Belorusskiye Loterei tal-istat, li topera taħt il-Belarus President Property Management Directorate. Belorusskiye Loterei sservi bħala sors ta' dħul sinifikanti għad-Direttorat, li tirrapporta direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Alexander Shatrov, li kien ġie sanzjonat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli bbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u appoġġah, għandu 49,99 % tal-ishma ta' Ridotto LLC. Dzmitry Shvedka huwa assoċjat ma' Alexander Shatrov, Ridotto LLC, il-Belarus President Property Management Directorate, u l-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Dzmitry Shvedka qed jibbenifika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah billi jipprovdi servizz li jġib dħul sinifikanti lill-President Property Management Directorate, subordinat direttament lil Aliaksandr Lukashenka.	27.3.2025
302.	Mikhail Uladzimiravich DZENISENKA Mikhail Vladimirovich DENISENKO	Міхаіл Уладзіміравіч ДЗЯНІСЕНКА Михаил Владимирович ДЕНИСЕНКО	Negozjant Data tat-twelid: 27.5.1974 Post tat-twelid: Belarussja Numru tal-passaport: MP3303172 (maħruġ fl-10.6.2013; jista' jkun li skada) Nru ta' identifikazzjoni personali: 3270574C044PB2	Mikhail Dzenisenka huwa d-direttur tal-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Belorusskiye Loterei hija proprjetà ta' Belarus President Property Management Directorate; korp governattiv subordinat ta' Aliaksandr Lukashenka. Belorusskiye Loterei huwa wieħed miż-żewġ korpi governattivi li għandhom id-dritt li jtellgħu lotteriji fil-Belarussja. Jimmaniġġja Belbet, każinò online, li jiġġenera dħul kbir. Skont il-liġi Belarussa, Belbet hija klassifikata bħala lotterija online, filwaqt li de-facto topera bħala każinò online, li joħloq kundizzjonijiet favorevoli biex topera. Il-każinò online ġie żviluppat minn Ridotto LLC, u l-operazzjoni tiegħu hija miżmuma minnu, kumpanija li nibtet mir-riorganizzazzjoni ta'	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Synesis LLC, il-koproprjetà ta' Alexander Shatrov, li kien ġie dożinjat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 li bbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u appoġġah. Mikhail Dzenisenka huwa assoċjat ma' Belorusskiye Loterei u l-Belarus President Property Management Directorate. Barra minn hekk, fir-rwol tiegħu bħala d-direttur ta' Belorusskiye Loterei, Mikhail Dzenisenka qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka billi jiġġenera profitt sostanzjali mil-logħob tal-azzard online.	
303.	Siarhei Mirzaevich AVAKAU Sergey Mirzoevich AVAKOV	Сяргей Мірзаевіч АВАКАЎ Сергей Мирзоевич АВАКОВ	Negozjant, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar Data tat-twelid: 1955 Post tat-twelid: Belarus	Siarhei Avakau huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar. OJSC Planar hija intrapriża tal-istat li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-forniment ta' komponenti fil-qasam tal-mikroelettronika, li jintużaw biex jiġi prodott hardware militari bħal UAVs. Hija tagħmel parti minn raggruppament ta' intrapriżi amministrat mill-istat li huwa ssorveljat mill-Kunsill tal-Proġetti Strateġiċi, taħt is-sorveljanza diretta tal-President tal-Belarussja. Planar tikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni teknoloġika u militari bejn il-Belarussja u r-Russja. Bħala l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' OJSC Planar, Siarhei Avakau jibbenefika mill-kumpless militari industrijali Belarussu u jappoġġah materjalment.	27.3.2025
304.	Yuri Mikalaevich TCHORNY Yuri Nikolaevich CHERNYI	Юрый Мікалаевіч ЧОРНЫ Юрий Николаевич ЧЕРНЫЙ	Direttur ta' Precise Electro-Mechanics Plant Data tat-twelid: 1979, 1980 jew1981 Post tat-twelid: Belarus	Yuri Tchorny huwa d-Direttur ta' Precise Electro-Mechanics, intrapriża tal-Istat Belarussu li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti militari u li hija subordinata tal-Kumitat Militari-Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. F'dak ir-rwol, Precise Electro-Mechanics Plant tipproduċi hardware militari għall-użu mill-forzi militari Belarussi, b'mod partikolari missili ballistiċi, u tiġġenera dħul għall-Istat Belarussu.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għalhekk Yuri Tchorny jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka u huwa assoċjat mal-entità elenkata Precise Electro-Mechanics.	
305.	Aleh KALIADA Oleg KALYADA	Алег КАЛЯДА Олег КАЛЯДА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Zavodsky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 1.1.1965 Numru tal-passaport: 3010165A135PB5	Aleh Kaliada huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Zavodsky tal-Belt ta' Minsk. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, kontra Yana Barysovich, Andrei Asaula, Rastsislau Shavel, Aliaksandr Zialiutkin, u Maksim Prazhenik. Għalhekk Aleh Kaliada huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
306.	Alena BUSHAVA Alena BUSHEVA	Алена БУШАВА Алена БУШЕВА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 23.8.1976 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4230876A016PB7	Alena Bushava hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk. Hija tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda kontra Siarhei Karytanovich, Darya Lychkouskaya, Aliaksei Maltsau, Yahor Mikhailau, Yuliya Mudreuskaya, Andrei Sheshko, Siarhei Staravoitau, Ihar Kapanaika. Għalhekk Alena Bushava hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
307.	Andrei VASILIUK Andrei VASILYUK	Андрэй ВАСІЛЮК Андрей ВАСИЛЮК	Imħallef tal-Qorti tar-Reġjun ta' Brest Data tat-twelid: 20.7.1977 Nru ta' identifikazzjoni personali: 3200777C039PB0	Andrei Vasiliuk huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tar-Reġjun ta' Brest. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda kontra Aliaksandr Bazarau, Anastasiya Padhaiskaya, Aliaksandr Veliasnitski. Għalhekk Andrei Vasiliuk huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
308.	Dzina KUCHUK Dina KUCHUK	Дзіна КУЧУК Дина КУЧУК	Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja; ex Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta’ Minsk Data tat-twelid: 11.2.1974 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4110274A107PB7	Dzina Kuchuk hija Mħallef Belarussu tal-Qorti Suprema tal-Belarussja. Sa Frar 2024, Dzina Kuchuk serviet ta’ Mħallef tal-Kulleġġ Ġudizzjarju għall-Kawżi Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Bħala Mħallef tal-Qorti tal-Belt ta’ Minsk, Dina Kuchuk tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda fost oħrajn kontra Andrei Andreyeu, Aliaksandr Komar, Sviatlana Bychkouskaya, Maryna Dubrouskaya, Yury Hrabianiok, Valeryia Kastsiuhova, Tatsiana Kouzina, Aliaksei Khralovich, Uladzimir Lavor, Viachaslau Pantsiushenka, Dzianis Varozau, Volha Tserakh, u Katsiaryna Zaretskaya. Għalhekk Dina Kuchuk hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
309.	Halina BONDAL Galina BONDAL	Галіна БОНДАЛ Галина БОНДАЛ	Imħallef tal-Qorti Reġjonali ta’ Vitebsk Data tat-twelid: 30.4.1962 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4300462E001PB6	Halina Bondal hija Mħallef Belarussu tal-Qorti Reġjonali ta' Vitebsk. Halina Bondal tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Volha Brytsikava, Siarhei Dalivelia, Maryia Famina, Tatsiana Frantskevich, Tsimafei Halubko, Yaraslau Kazakevich, Robert Kuzniatsou, Natallia Labatsevich, Anatol Mikhailau, u Andrei Ruskikh. Għalhekk Halina Bondal hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
310.	Siarhei BUDREVICH Sergei BUDREVICH	Сяргей БУДРЭВІЧ Сергей БУДРЕВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett Oktyabrsky ta' Minsk Data tat-twelid: 29.6.1986	Siarhei Budrevich huwa Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett Oktyabrsky ta' Minsk. Huwa ta sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Yuliya Kashaverava, Siarhei Paspelau, Siarhei Belski, Aliaksandr Mikhailau, Andrei Hryva, Siarhei Yupatau, Artsiom Isakau, u Aliaksandr Zhaliazousk. Għalhekk Siarhei Budrevich huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
311.	Zhanna BRYSINA Zhanna BRYSINA	Жанна БРЫСІНА Жанна БРЫСИНА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 21.10.1961	Zhanna Brysina hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Zhanna Brysina tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, fost oħrajn kontra Pavel Belavus, Siarhei Kreida, Tsimafei Shkuratovich , Maksim Hrechkayedau, Vadzim Baranau, Aliaksandr Loban, Dzmitry Maholin, Ihar Artsiukh, Aliaksandr Ziankou, Ruslan Zavadzich, Artsiom Ziankou, Andrei Velikaselets, u Pavel Kharytonau. Għalhekk Zhanna Brysina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
312.	Ala SKURATOVICH Alla SKURATOVICH	Ала СКУРАТОВІЧ Алла СКУРАТОВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 18.10.1980 Nru ta' identifikazzjoni personali: 4181080A069PB5	Ala Skuratovich hija Mħallef Belarussu tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky tal-Belt ta' Minsk. Hija tat sentenzi motivati politikament li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-libertà tal-espressjoni jew il-libertà tal-għaqda, kontra Andrus Asmalousk, Ivan Charavaka, Dzmitry Lapets , Andrei Akushka, Dziana Charnushyna, Andrei Mirashnichenka, u Artur Smaliakou. Għalhekk Ala Skutarovich hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	27.3.2025
▼M47					
313.	Ilya Valerievich IKAN	Ілля Валер'евіч ІКАН Илья Валерьевич ИКАН	Funzjoni: President ta' Belneftekhim, Membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 10.1.1981 Post tat-twelid: Pchelnik, Borisov District, Minsk Region/Oblast, qabel USSR (issa Belarussja) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Belneftekhim	Ilya Ikan huwa l-President ta' Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim). Belneftekhim hija waħda mill-akbar kumplessi industrijali tar-Repubblika tal-Belarussja u tikkonsisti minn diversi kumpaniji oħra tal-Istat stabbiliti fl-1997. Aliaksandr Lukashenka jqis li Belneftekhim hija waħda mill-aktar entitajiet importanti u strateġiċi fil-Belarussja. B'mod partikolari, Belneftekhim tirrappreżenta assi fundamentali għall-ekonomija u l-politika barranija tal-Belarussja, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-iżvilupp ta' suq komuni taż-żejt. Isiru konsultazzjonijiet regolari bejn l-entità u l-President Lukashenka. Belneftekhim tibbenefika mill-appoġġ ipprovdut mir-reġim ta' Lukashenka, speċjalment fir-rigward tal-effetti tas-sanzjonijiet. Għaldaqstant, Belneftekhim qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	23.10.2025

36.	Open Joint Stock Company “MINSK ELECTROTECHNICAL PLANT NAMED AFTER V. I. KOZLOV”	Адкрытае акцыянернае таварыства “МІНСКІ ЭЛЕКТРАТЭХНІЧНЫ ЗАВОД ІМЯ В.І.КАЗЛОВА” Открытое акционерное общество “МИНСКИЙ ЭЛЕКТРОТЕХНИЧЕСКИЙ ЗАВОД ИМЕНИ В.И.КОЗЛОВА”/ ОАО “МЭТЗ ИМ. В.И.КОЗЛОВА”	Indirizz: Room 502, 4, Uralskaya st., Minsk 220037, Republic of Belarus Tip ta’ entità:Kumpanija proprjetà tal-Istat Post tar-reġistrazzjoni: 4, Uralskaya st., Minsk 220037, Republic of Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.3.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 100211261(УНП) Post prinċipali tan-negozju: Belarus Sit web tal-kumpanija: www.metz.by Posta elettronika tal-kumpanija: urist@metz.by Telefown tal-kumpanija: 8017 230 11 22	OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” hija intrapriża tal-istat, waħda mill-akbar produtturi ta’ tagħmir tal-elettriku fl-Ewropa u waħda mill-ġganti industrijali tal-Belarussja. Bħala tali, hija sors ewlieni ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. L-impjegati ta’ OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” li ħadu sehem fi protesti u strajkijiet paċifiċi wara l-elezzjonijiet frodulenti ta’ Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew mhedda b’sensji u intimidati mill-maniġment tal-kumpanija. Aktar tard il-ħaddiema tkeċċew minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fl-istrajkijiet. Għalhekk, OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V. I. Kozlov” qed tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Barra minn hekk, OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
37.	Open joint stock company “Byelorussian Steel Works – management company of ‘Byelorusssian Metallurgical Company’ holding” a.k.a. OJSC “BSW (BMZ) - management company of ‘BMC’ holding”	Адкрытае акцыянернае таварыства “Беларускі металургічны завод - кіруючая кампанія холдынгу “Беларуская металургічная кампанія” a.k.a. ААТ “БМЗ - кіруючая кампанія холдынгу “БМК” Открытое акционерное общество “Белорусский металлургический завод-управляющая компания холдинга “Белорусская металлургическая компания” a.k.a. ОАО “БМЗ-управляющая компания холдинга “БМК”	Indirizz: 37, Promyshlennaya Street, Zhlobin, Gomel region, Belarus, 247210 Tip ta’ entità: Kumpanija b’ishma konġunti miftuħa Post tar-reġistrazzjoni: Zhlobin, Gomel region, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 24.4.1991 bħala “БЕЛОРУССКИЙ МЕТАЛЛУРГИЧЕСКИЙ ЗАВОД”, 11.9.1996 bħala “Государственное предприятие - Белорусский металлургический завод”, 1.12.1997 bħala “Белорусский металлургический завод”, 3.11.1999 bħala “Республиканское унитарное предприятие ‘Белорусский металлургический завод’”, 1.1.2012 bħala “Открытое акционерное общество ‘Белорусский металлургический завод’”. Numru tar-reġistrazzjoni: 400074854 Post prinċipali tan-negozju: Zhlobin, Gomel region, Belarus	OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” hija intrapriża statali unika fl-industrija metallurġika fil-Belarussja u fost l-akbar kumpaniji fil-pajjiż. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. L-Istat Belarussu qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ magħmul minn OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC”. Barra minn hekk, il-kumpanija tirċievi għotjiet kbar mill-gvern u appoġġ politiku mir-reġim ta’ Lukashenka. Id-direttur ġenerali ta’ OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” inħatar personalment mill-President Lukashenka. L-impjegati ta’ OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-azjenda “BMC” li pprotestaw u bdew strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja tkeċċew. Minn dakinhar ’l hawn, l-intrapriża għadha tieħu miżuri kontra l-impjegati li qed jippruvaw jorganizzaw strajks permezz ta’ theddid u sensji. Għalhekk, OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” qed tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Għaldaqstant, hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
38.	Belneftekhim -Belarusian State Concern for Oil and Chemistry	Белнафтахім — Беларускі дзяржаўны канцэрн па нафце і хіміі Белнефтехим, Белорусский государственный концерн по нефти и химии	Indirizz: 73, Dzerzhinskogo Street, Minsk, 220116 Tip ta' entità: Entità statali Post tar-reġistrazzjoni: 73 Dzerzhinskogo Street, Minsk, 220116 Data tar-reġistrazzjoni: 21.7.1997. Numru tar-reġistrazzjoni: 101272253 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus	L-Entità Statali tal-Belarussja għaż-Żejt u l-Kimika (Belneftekhim) hija waħda mill-akbar kumplessi industrijali tar-Repubblika tal-Belarussja u tikkonsisti minn diversi kumpaniji oħra tal-Istat stabbiliti fl-1997. Aliaksandr Lukashenka jqis lil Belneftekhim hija waħda mill-aktar entitajiet importanti u strateġiċi fil-Belarussja. B'mod partikolari, Belneftekhim tirrappreżenta assi fundamentali għall-ekonomija u l-politika barranija tal-Belarussja, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-iżvilupp ta' suq komuni taż-żejt. Isiru konsultazzjonijiet regolari bejn l-entità u l-President Lukashenka. Belneftekhim tibbenefika mill-appoġġ ipprovdut mir-reġim ta' Lukashenka, speċjalment fir-rigward tal-effetti tas-sanzjonijiet tal-Punent. Għaldaqstant, Belneftekhim qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	3.8.2023

▼M41

39.	Ruzekspeditsiya LLC RUZSPEDITION LLC OOO RUDENSKI UDOBRENCHESKI ZAVOD OBSHCHESTVO S OGRANICHENNOI OTVETSTVEN-NOSTYU RUZEKSPEDITSIYA	ТАА "Рузэкспедыцыя" ООО "Рузэкспедиция"	Indirizz: 1K Zavodzkaya St., room 36 Bolbasovo 211004 Belarus; 40 Nemiga St., room 304 Minsk 220004 Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 16.4.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 690664113 Indirizz elettroniku: info@ruz.by Tel.: + 375296615929; + 375172006232 Sit web: https://ruz.by/	Ruzekspeditsiya LLC tmexxi n-negozju tagħha miż-Żona Ekonomika Speċjali (SEZ) ta' Bremino-Orsha stabbilita b'digriet presidenzjali ta' Aliaksandr Lukashenka li hija ġestita minn Bremino Group LLC. Bremino Group LLC ġiet elenkata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Il-kumpaniji stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Speċjali ta' Bremino-Orsha jibbenefikaw minn vantaġġi fiskali u oħrajn finanzjarji Bremino-Orsha SEZ tospita u għalhekk tagħti dawn il-benefiċċji lil sitt kumpaniji biss, inkluż Bremino Group LLC. Id-deċiżjoni dwar min jista' jaqsam il-benefiċċji ta' Bremin-Orsha SEZ billi ssir residenti hija biss f'idejn Bremino Group LLC bħala l-kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tas-SEZ.	16.12.2024

▼M41

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, Ruzekspeditsiya hija assoċjata ma' Bremino Group LLC. Bħala kumpanija stabbilita fis-SEZ ta' Bremino-Orsha, hija tibbenefika mir-reġim. Ruzekspeditsiya tiffaċilita wkoll il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 billi tipparteċipa fil-konsenja ta' karozzi pprojbiti li jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati mill-Unjoni lejn il-Belarussja.	
40.	Vlate Logistik LLC	ТАА "ВЛАТЭ Лагістык" ООО "ВЛАТЕ Логистик"	Indirizz: 48 Komarova St., Pogranichny, 231773, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 16.4.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 192003422	Vlate Logistik LLC hija kumpanija Belarussa li għandha żewġ punti ta' kontroll fuq il-fruntiera bejn l-UE u l-Belarussja. Mill-10 ta' Awwissu 2023, Aleh Herasim, Aleh Piatrou, Iryna Kalesnikava, Aleh Barabanau, Dzmitry Zamulevich, u Uladzimir Arkadzyeu kellhom ishma ndaqs ta' Vlate Logistic LLC. Vlate Logistik LLC tibbenefika mir-reġim billi għandha l-istatus ta' "operatur ekonomiku awtorizzat", li jippermetti eżenzjonijiet sinifikanti mit-taxxa u li jinħareġ mill-awtoritajiet tal-istat.	16.12.2024

▼M44

41.	Central Election Commission of the Republic of Belarus (CEC)	Цэнтральная выбарчая камісія Рэспублікі Беларусь Центральная избирательная комиссия Республики Беларусь	Indirizz: 11 Sovyetska Str., Minsk, 220010, Republic of Belarus Data tal-istabbiliment: 1989	Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja hija responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet demokratiċi fil-Belarussja. L-elezzjoni presidenzjali tal-2025 fil-Belarussja la kienet libera u lanqas ġusta, skont diversi rapporti minn osservaturi internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali hija responsabbli għal dgħajfien serju tad-demokrazija fil-Belarussja.	27.3.2025
42.	JSC "INTEGRAL" - the management company of the holding "INTEGRAL"	ААТ "Інтэграл" – кіруючая кампанія холдынгу "Інтэграл"	Indirizz: Kazintsa I.P., 121A, room 327, Minsk, 220108, Republic of BelarusPost tar-reġistrazzjoni: Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.8.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 100386629	JSC Integral hija manifattur proprjetà tal-istat Belarussu ta' semikondutturi, ċirkwiti integrati u prodotti oħra b'teknoloġija avvanzata li huma partikolarment importanti għall-ekonomija u s-settur tad-difiża tal-Belarussja. JSC Integral tinsab fiż-Żona Ekonomika Ħielsa ta' Minsk, stabbilita mill-Gvern Belarussu. L-entitajiet	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
		ОАО “Интеграл” - управляющая компания холдинга “Интеграл”		stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ħielsa ta' Minsk japprofittaw minn diversi vantaġġi finanzjarji. Għalhekk JSC Integral qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Barra minn hekk, JSC Integral qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka minħabba l-enfasi tagħha fuq il-produzzjoni mikroelettronika, li hija kruċjali għall-industrija tad-difiża.	
43.	Republican unitary enterprise Belorusskiye Loterei	Беларускія Латарэі Белорусские Лотереи	Data tar-reġistrazzjoni: 1.9.1999 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Indirizz: Budzyonnaha 10, Minsk, Belarus Numru tat-telefown + 375173292103 Indirizz elettroniku: info@belloto.by Numru tar-reġistrazzjoni: 190000087	L-intrapriża unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei hija kumpanija Belarussa li tappartjeni lil Belarus President Property Management Directorate; korp governattiv li huwa subordinat dirett ta' Aliaksandr Lukashenka. Fil-Belarussja d-dritt biex jiġu organizzati lotteriji huwa esklużivament tal-istat. Belorusskiye Loterei hija waħda minn żewġ korpi governattivi li għandhom id-dritt li jorganizzaw lotteriji fil-Belarussja. Hija torganizza 17 mill-25 lotterija eżistenti fil-Belarussja. Belbet huwa każinò online ġestit minn Belorusskiye Loterei, li tirrappreżenta 99,8 % tad-dħul tiegħu. Skont il-liġi Belarussa, Belbet huwa klassifikat bħala lotterija online, filwaqt li de facto jopera bħala każinò online, li joħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-operazzjoni tiegħu. Il-każinò online ġie żviluppat u l-operazzjoni tiegħu hija mmexxija minn Ridotto LLC, kumpanija li nibtet mir-riorganizzazzjoni ta' Synesis LLC, dežinjata mill-Unjoni fis-17 ta' Diċembru 2020 talli bbenefikat mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u appoġġatu, li l-koproprjetarju tagħha huwa Alexander Shatrov, li ilu ddežinjat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Belorusskiye Loterei hija subordinata ta' Belarus President Property Management Directorate, li huwa kkontrollat minn Aliaksandr Lukashenka. Hija tibbenefika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka billi topera f'kundizzjonijiet favorevoli u tappoġġah billi tiġġenera dħul mil-logħob tal-azzard. Barra minn hekk, Belorusskiye Loterei hija assoċjata ma' Alexander Shatrov.	
44.	Ridotto LLC	ТАА “Рыдота” ООО “Ридотто”	Data tar-reġistrazzjoni: 13.2.2020 Post tar-reġistrazzjoni: Minsk, Belarus Indirizz: Platonava 20b, Minsk, Belarus Numru tat-telefown: + 375 17 240-36-50 Indirizz elettroniku: info@ridotto.by Numru tar-reġistrazzjoni: 193384228	Ridotto LLC hija kumpanija tal-IT Belarussa li tispeċjalizza fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet għal-logħob tal-azzard online. Alexander Shatrov, li ilu ssanzjonat mill-Unjoni mill-21 ta' Ġunju 2021 talli jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah, għandu 49,99 % tal-ishma tagħha. Ridotto LLC żviluppat u attwalment tieħu ħsieb il-każinò online Belbet għall-Intraprizà Unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei, li tappartjeni lill-istat u hija sussidjarja ta' Belarus President Property Management Directorate. Belorusskiye Loterei sservi ta' sors sinifikanti ta' dħul għad-Direttorat, li jirrapporta direttament lil Aliaksandr Lukashenka. Minn dan jirriżulta li Ridotto LLC hija assoċjata ma' Alexander Shatrov, Belarus President Property Management Directorate, u l-intraprizà unitarja Repubblikana Belorusskiye Loterei. Barra minn hekk, Ridotto LLC qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka jew qed tappoġġah.	27.3.2025
45.	OJSC Planar	ААТ “Планар” КБТЭМ ПЛАНАР	Indirizz: Partizansky Ave., 2, building 2-31, Minsk, Belarus Numru tat-telefown: + 375 17 297 37 09 Indirizz elettroniku: office@kbtem-omo.by Sit web: planar.by	OJSC Planar hija intraprizà tal-istat li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-forniment ta' komponenti fil-qasam tal-mikroelettronika, li jintużaw biex jiġi prodott hardware militari bħal UAVs. Hija tagħmel parti minn raggruppament ta' intraprizi amministrat mill-istat li huwa ssorveljat mill-Kunsill tal-Proġetti Strateġiċi, taħt is-sorveljanza diretta tal-President tal-Belarussja. OJSC Planar tikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni teknoloġika u militari bejn il-Belarussja u r-Russja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Numru tar-reġistrazzjoni: 100104937 Data tar-reġistrazzjoni: 15.3.1992	Għalhekk OJSC Planar hija parti mill-kumpless militari industrijali Belarussu.	
46.	Precise Electro-Mechanics Plant	РВУП “Завод дакладнай электрамеханікі” РПУП “Завод точной электромеханики”	Indirizz: ul. Kulman 2, Minsk, 220013 Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 690653077 Data tar-Reġistrazzjoni: 27.5.2009	Precise Electro-Mechanics Plant hija intrapriża tal-Istat Belarussu li tispeċjalizza fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti militari u hija subordinata tal-Kumitat Militari-Industrijali tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja. F'dan ir-rwol, Precise Electro-Mechanics Plant tipproduċi hardware militari li jintuża mill-forzi militari Belarussi, b'mod partikolari missili ballistiċi, u tiġġenera dħul għall-Istat Belarussu. Għalhekk Precise Electro-Mechanics Plant hija persuna ġuridika li tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	27.3.2025
47.	Tsybulka Bel Zybulka Bel	ТАА “ЦЫБУЛЬКА-БЕЛ” ООО “ЦЫБУЛЬКА-БЕЛ”	Indirizz: st. Centralnaya, 4, ag. Gudy, Krupovsky village council, Lida district, Grodno region, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 592000217 Data tar-reġistrazzjoni: 1.10.2020 Numru tat-telefown: +375 292 85-31-33	Tsybulka-Bel LLC hija kumpanija agrikola Belarussa bbażata fid-distrett ta' Lida li tappartjeni liċ-ċittadin Ġermaniż Jörg Dornau. Il-maniġment ta' Tsybulka-Bel ikkoordina mal-awtoritajiet tal-istat Belarussu biex priġunieri – fosthom b'mod partikolari priġunieri politiċi Belarussi – jitħaddmu f'xogħol furzat fi Tsybulka-Bel biex jagħmlu xogħol fl-għelieqi f'kundizzjonijiet inumani, inkluż mingħajr ikel u ilma matul shifts twal ta' xogħol, bi protezzjoni totalment insuffiċjenti minn kundizzjonijiet estremi tat-temp, u b'kastigi arbitrarji għal priġunieri li jitolbu eżenzjonijiet minħabba mard. Għalhekk Tsybulka-Bel LLC hija entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	27.3.2025

▼M44

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M45					
48.	State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice	Дзяржаўнае знешнегандлёвае ўнітарнае прадпрыемства Белзнешпрамсэрвіс Государственное внешнеторговое унитарное предприятие Белвнешпромсервис	Indirizz: 2 Kazinets street, Minsk, 220099, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 14.7.1992 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 100128724 Tel: + 375 17 272 07 08 Fax: + 375 17 260 18 87 Indirizz elettroniku: reception@bvpservice.com Sit web: https://www.bvpservice.by/ Individwi assoċjati: Id-Direttur Ġenerali Aleksandr Yakovlevich Anischenko	State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice ġiet stabbilita sabiex tippromwovi l-prodotti tad-difiża Belarussi fis-swieq barranin. Hija tispeċjalizza fl-esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata għal skopijiet militari u għandha d-dritt li ttejjeb, issewwi u tforni oġġetti militari għad-Difiża tal-Ajru, il-Forza tal-Ajru u l-Forzi tal-Art tal-Belarussja. Għaldaqstant, State-owned Foreign Trade Unitary Enterprise Belvneshpromservice qed tappoġġa l-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja.	19.7.2025
49.	OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company	Науково-виробниче товариство з обмеженою відповідальністю “ОКБ ТСП” Научно-производственное общество с ограниченной ответственностью “ОКБ ТСП”	Indirizz: Frantsiska Skoriny Street, building 1, unit 21, 220076 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 8.7.2002 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 190369982 Tel: + 375 17 311 05 69 Indirizz elettroniku: tsp@tspbel.com Sit web: https://sdc.okbtsp.com	OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company hija kumpanija tad-difiża involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disinn tal-armi. Hija għandha liċenzji għall-manifattura u l-kummerċ barrani maħruġa minn State Authority for Military Industry (l-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari) tar-Repubblika tal-Belarussja. Tipproduċi tagħmir bħal vetturi militari u sistemi kontra l-inġenji tal-ajru. Għaldaqstant, OKB TSP Scientific Production Limited Liability Company hija entità li tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja.	19.7.2025

▼M45

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
50.	KB Unmanned Helicopters (UAVHeli)	КБ Беспілотныя Верталёты ООО КБ Беспилотные вертолеты	Indirizz: d. 47, korp. 14, ul. Yanki Mavra, Minsk, 220015, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 27.4.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: 192807396	KB Unmanned Helicopters (UAVHeli) hija kumpanija Belarussa li tipproduċi inġenji tal-ajru u tagħmir tal-inġenji tal-ajru. Il-kumpanija tipproduċi ħelikopters mingħajr bdot abbord mgħammra u ddisinjati speċifikament biex jintużaw f'kuntest militari. Għaldaqstant KB Unmanned Helicopters hija entità li tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025
51.	Legmash Plant OJSC magħrufa wkoll bħala ZAVOD SHVEINYKH MASHIN OAO magħrufa wkoll bħala OTKRYTOE AKTSIONERNOE OBSCHESTVO BELORUSSKIY METALLURGICHESKIY ZAVOD magħrufa wkoll bħala OTKRYTOE AKTSIONERNOE OBSCHESTVO ZAVOD LEGMASH	Адкрытае акцыянернае таварыства Завод "Легмаш"	Indirizz: Vostochny Lane, 17, Orsha, 211390, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 6.5.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 300228934 Tel: +375 216 42 00 91 Sit web: https://legmash.by/ Indirizz elettroniku: legmash@vitebsk.by	Legmash Plant OJSC hija impjant Belarussu li jipproduċi projettili ta' 152-mm u 122-mm għall-artillerija tal-kanuni (inkluż Howitzers D-30, D-20, Msta-B, Giatsint-B, u l-modifiki awtopropulsivi tagħhom). Il-faċilità timmanifattura wkoll rokits mhux iggwidati ta' 122-mm tal-linja 9M22U-1 għal-lanċjatur ta' rokits multipli 9K51 Grad MLRS. Għaldaqstant, Legmash Plant OJSC qed tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja. Legmash Plant OJSC tirċievi benefiċċji fiskali estensivi, irregolati minn leġiżlazzjoni presidenzjali u mill-Gvern Belarussu. Għaldaqstant Legmash Plant OJSC qed tibbenefika wkoll mir-reġim ta' Lukashenka.	19.7.2025
52.	Research and Production Unitary Enterprise Scientific and Technical Center "LEMT" BelOMO magħrufa wkoll bħala UP NTTS LEMT BELOMO	Науково-виробниче унітарне підприємство "Науково-технічний центр "ЛЕМТ" БєлОМО"	Indirizz: D. 23, korp. 1, Nezhiloe pomeshchenie, Makaenka street, Minsk, 220114, Belarus Tip ta' entità: Intrapriża tal-Istat Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 26.05.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 100230590	Belarusian Scientific and Technical Center LEMT huwa proprjetà tal-intrapriża tal-istat BelOMO. LEMT jimmanifattura miri ottiċi u sistemi għal armi konvenzjonali, rangefinders tal-laser, moduli ta' kejl tad-distanza bbażati fuq lasers b'dijodi, u sistemi ta' kontroll tan-nar bil-laser. Il-miri LEMT jintużaw fl-azzarini awtomatiċi AK-12 prodotti mill-Kalashnikov tar-Russja. Għaldaqstant LEMT jifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi huwa involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

▼M45

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
53.	Laser Devices and Technologies magħrufa wkoll bħala Laser Devices and Technologies Limited Liability Company	Общество с ограниченной ответственностью “Лазерные приборы и технологии” Таварыства з абмежаванай адказнасцю “Лазерныя прыборы і тэхналогіі”	Indirizz: Tsentralnaya Street, House 2, Room 116, Demidovichsky Village Council, Yutski Village, Dzerzhinsky District, Minsk Region, Belarus Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 10.2.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: 691827047 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus	LLC Laser Devices and Technologies, li qabel kienet magħrufa bħala LLC Laboratory of Additive Technologies, hija kumpanija Belarussa li tispeċjalizza fil-gaskets. Din tissupplixxi komponenti lil utenti finali militari bħal Peleng u Uralvagonzavod. Il-kumpanija tipprovdi wkoll partijiet għall-produzzjoni ta’ miri panoramiċi (PKP) għat-tankijiet Russi T-72 u T-90. Għalhekk, LLC Laser Devices and Technologies tipprovdi komponenti lis-setturi militari u industrijali tal-Belarussja, filwaqt li tappoġġa l-avvanzi militari u teknoloġiċi tal-pajjiż, kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta’ difiża u sigurtà tiegħu.	19.7.2025
54.	JSC Vistan magħrufa wkoll bħala Open Joint Stock Company “VISTAN”	Адкрытае акцыянернае таварыства “ВІСТАН” Открытое акционерное общество “ВИСТАН”	Indirizz: Dimitrova street, 36/7, 210627, Vitebsk, Belarus Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti miftuħa Post tar-reġistrazzjoni: Vitebsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.2.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 300029332 Post prinċipali tan-negozju: Belarus Sit web: https://vistan.ru/index.html Indirizz elettroniku: comintern@tut.by, info@vistan.ru	JSC Vistan hija manifattur Belarussu ta’ għodod tal-magni, inklużi ċentri tal-immaxinjar tas-CNC, moli ċilindriċi, magni tat-tħin mingħajr ċentru, tagħmir tal-ipproċessar tal-gerijiet, u tornijiet. Dawn huma teknoloġiji b’użu doppju użati fil-produzzjoni ta’ oġġetti militari. JSC Vistan tesporta aktar minn 60 % tal-prodotti tagħha lejn ir-Russja u tforni għodod tal-magni lil intrapriżi Russi relatati mad-difiża, inkluż JSC “Krasny Oktyabr”. Il-kumpanija hija parti minn programm ta’ sostituzzjoni tal-importazzjonijiet bejn il-Belarussja u r-Russja u qed tirċievi US $15 000 000 f’finanzjament appoġġat minn sostenn finanzjarju mill-Istat Russu, biex tespandi l-produzzjoni tal-magni tal-ipproċessar tal-gerijiet. Barra minn hekk, JSC Vistan irċeviet finanzjament mill-gvern Russu għall-iżvilupp ta’ proġetti strateġiċi tal-avjazzjoni, li jindika l-kontribut tagħha għall-kumpless militari-industrijali Russu. Għalhekk, JSC Vistan tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali Belarussu u tikkontribwixxi għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, u għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha.	19.7.2025

▼M45

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
55.	Rukhservomotor LLC magħrufa wkoll bħala OOO Ruchservomotor magħrufa wkoll bħala TAA Ruchservamator magħrufa wkoll bħala OOO Rukhservomotor magħrufa wkoll bħala Limited Liability Company “Rukhservomotor”	ТАА Рухсерваматор ООО Рухсервомотор	Indirizz: 5 Montazhnikov Street, 220019, Minsk, Belarus Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 24.2.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 800002497 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus Sit web: https://eng.e-motors.tech/, https://lasercut.by/ Tel: + 375 17 390 54 47 +375 17 390 30 76 Fax: + 375 17 390 54 48 Indirizz elettroniku: info@e-motors.tech	Rukhservomotor LLC hija kumpanija Belarussa li tiffoka fuq l-iżvilupp u l-manifattura ta’ sistemi ta’ koordinati ta’ preċiżjoni. Hija tforni lill-kumpaniji li huma utenti finali militari b’oġġetti b’użu aħħari militari. Il-kumpanija tipparteċipa fil-produzzjoni ta’ miri panoramiċi (PKP) għat-tankijiet Russi T-72 u T-90. Għalhekk, Rukhservomotor LLC tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali Belarussu, u tikkontribwixxi għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, u l-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha.	19.7.2025

▼M47

56.	JSC Holography Industry ZAT Galagrafichnaya Industryya ZAO Golograficheskaya Industriya	Закрытае акцыянернае таварыства “ГАЛАГРАФІЧНАЯ ІНДУСТРЫЯ” Закрытое акционерное общество “ГОЛОГРАФИЧЕСКАЯ ИНДУСТРИЯ”	Indirizz: Kalinina 12, Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 101482057 Data tar-reġistrazzjoni: 7.5.1998 Tel: +375 266 01 31, +375 266 34 17 Posta elettronika: info@holography.by Web: www.holography.by	JSC Holography Industry hija l-produttur ewlieni Belarussu ta' ologrammi u kristallogrammi protettivi. Skont il-leġiżlazzjoni Belarussa, l-istikers olografiċi protettivi jitqiegħdu fuq it-timbri tas-sisa, inkluż it-timbri tas-sisa fuq ix-xorb alkoħoliku, firxa wiesgħa ta' prodotti għall-konsumatur, ir-reġistri tal-flus kontanti u l-islot machines. Dan joħloq domanda sinifikanti għall-prodotti ta' JSC Holography Industry.	23.10.2025

▼M47

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				JSC Holography Industry għandha relazzjoni ta' ħidma mill-qrib ma' entitajiet statali, li whud minnhom huma l-azzjonisti tagħha. Din ir-relazzjoni mill-qrib irriżultat, parzjalment, mill-fatt li l-eks sieħeb kummerċjali tal-fundatur tal-kumpanija ta ishma lill-Istat bħala rigal. Bħala rikonoxximent, l-Istat għamel ordnijiet mal-kumpanija. Għalhekk, JSC Holography Industry qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	
57.	ICT Horizont magħrufa wkoll bħala Research Unitary Enterprise "INSTITUTE OF DIGITAL TELEVISION HORIZONT" magħrufa wkoll bħala DIGITAL TELEVISION INSTITUTE HORIZONT magħrufa wkoll bħala UE "Institute of Digital Television Horizon" magħrufa wkoll bħala Chelyabinsk Institute of Digital television "Horizont"	Навукова-даследчае ўнітарнае прадпрыемства "ІНСТЫТУТ ЛІЧБАВАГА ТЭЛЕБАЧАННЯ ГАРЫЗОНТ" magħrufa wkoll bħala Унітарнае прадпрыемства "ІЛТ ГАРЫЗОНТ" Унитарное предприятие "ИЦТ ГОРИЗОНТ" magħrufa wkoll bħala Научно-исследовательское унитарное предприятие "ИНСТИТУТ ЦИФРОВОГО ТЕЛЕВИДЕНИЯ ГОРИЗОНТ"	Indirizz: Kuibysheva 35-1, Minsk, 220029, Belarus Tip ta' entità: kumpanija proprjetà tal-Istat Numru tar-reġistrazzjoni: 100085149 OKPO: 37406850 Data tar-reġistrazzjoni: 26.11.1991 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Tel: 8 740 740 91 00, +375 740 740 91 00 Fax: +375 17 288 11 82 Posta elettronika: office@horizont-rnd.by, ict@dtv.horizont.by Web: https://h-rnd.by/	ICT Horizont hija kumpanija Belarussa, u wieħed mill-aktar ċentri moderni ta' teknoloġija avvanzata fil-pajjiż. ICT Horizont hija waħda mill-azjendi mexxejja fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal-elettronika speċjali fir-Repubblika tal-Belarussja. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi oġġetti speċjali u b'użu doppju, pereżempju apparat tal-viżwalizzazzjoni tal-vidjo għal vetturi blindati. ICT Horizont tikkollabora mal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja fil-ħolqien u l-immodernizzar ta' tagħmir għall-eżerċizzji tal-isparar, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Forzi Armati. Barra minn hekk, l-ICT Horizont tieħu sehem fil-programm xjentifiku-tekniku "Intelavto", li għandu l-għan li joħloq komponenti u sistemi diġitali u elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għal vetturi tat-trasport speċjali u b'użu doppju. Il-programm ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Belarussja. Għaldaqstant, ICT Horizont tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja billi hija involuta fl-iżvilupp ta' teknoloġija u ta' tagħmir militari.	23.10.2025

▼M47

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
58.	Horizont Holding magħrufa wkoll bħala Horizon Holding magħrufa wkoll bħala OJSC N Holding magħrufa wkoll bħala The Horizon Group of Companies	Холдынга “Гарызонт” Холдинг “Горизонт” magħrufa wkoll bħala ОАО “Н Холдинг” magħrufa wkoll bħala Группа компаний “Горизонт”	Indirizz: S. Kovalevskaya Lane, 62, room 16, 220014, Minsk, Belarus Tip ta' entità: kumpanija azzjonarja Numru tar-reġistrazzjoni: 101050240 Data tar-reġistrazzjoni: 2010 Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus Tel: +375 (17) 226 36 01 Fax: +375 (17) 303 76 07 Posta elettronika: info@h-tv.by Web: https://h-tv.by/, https://h-holding.by/ Entitajiet assoċjati: ICT Horizont Individwi assoċjati: Yuri Ivanovich Predko	Horizont Holding hija kumpanija azzjonarja Belarussa. Horizont Holding hija waħda mill-akbar azjendi u waħda mill-aktar azjendi diversifikati li qed jiżviluppaw b'mod dinamiku fir-Repubblika tal-Belarussja, li tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' negozju. Ġiet deskritta bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-industrija ta' Minsk. Il-proġetti ta' Horizont Holding qed jiġu implimentati fuq l-istruzzjonijiet ta' Aliaksandr Lukashenka. ICT Horizont hija parti minn Horizont Holding. ICT Horizont hija waħda mill-azjendi mexxejja fl-iżvilupp u l-produzzjoni tal-elettronika speċjali fir-Repubblika tal-Belarussja. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi oġġetti speċjali u b'użu doppju, pereżempju apparati tal-viżwalizzazzjoni tal-vidjo għal vetturi blindati. ICT Horizont tikkollabora mal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja fil-ħolqien u l-immodernizzar ta' mudelli ta' tagħmir għall-eżerċizzji tal-isparar f'konformità mar-rekwiżiti għat-taħriġ ta' formazzjonijiet u unitajiet militari tal-Forzi Armati. Barra minn hekk, ICT Horizont tieħu sehem fil-programm xjentifiku-tekniku “Intelavto” tal-Istat tal-Unjoni (Russja u l-Belarussja), li għandu l-għan li joħloq komponenti u sistemi diġitali u elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata għal vetturi tat-trasport speċjali u b'użu doppju. Il-programm ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Belarussja. Għaldaqstant, Horizont Holding qed tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' ICT Horizont, li tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja, inkluż billi hija involuta fl-iżvilupp ta' teknoloġija u ta' tagħmir militari.	23.10.2025

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M51					
59.	Volat-Sanjiang Joint Venture Limited Liability Company	Совместное общество с ограниченной ответственностью “Волат-Санцзян”	Indirizz: 220070 Republic of Belarus, Minsk, Budennogo str. Budennogo, 1A/7, office 20 Tip ta' entità: Impriża Konġunta Numru tar-reġistrazzjoni: 191299395 Data tar-reġistrazzjoni: 24.3.2010	Volat-Sanjiang Joint Venture Limited Liability Company hija impriża konġunta Belarussa, maħluqa b'mod konġunt minn Minsk Wheel Tractor Plant. Hija tipproduċi xażi bir-roti għal tagħmir militari, inkluż sistemi ta' llanċjar ta' rokits multipli manifatturati minn Minsk Wheel Tractor Plant. Għalhekk, Volat-Sanjiang Joint Venture Limited Liability Company tifforma parti mill-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja u tappoġġah billi hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026
60.	CJSC Belarusian Oil Company magħruf ukoll bħala BelOil magħruf ukoll bħala BNK	ЗАО Белорусская нефтяная компания БНК	Indirizz: 4A-305, Leshchinsky Street, 220140, Minsk, Republic of Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Magħluqa Post tar-reġistrazzjoni: Republic of Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 17.5.2007 Numru tar-reġistrazzjoni: 190832326 Post prinċipali tan-negozju: Republic of Belarus Entitajiet assoċjati: State Production Association “Belorusneft”; Open Joint Stock Company “Naftan”	CJSC Belarusian Oil Company hija l-esportatur ewlieni tal-Belarussja taż-żejt u hija l-proprjeta’ ta’ bosta mill-akbar intrapriżi tal-produzzjoni u r-raffinar taż-żejt fir-Repubblika tal-Belarussja, inkluż Belorusneft u Naftan. Permezz tal-istruttura tas-sjieda tagħha, BNK hija kkontrollata mill-Gvern tal-Belarussja. Il-ħatra tad-Direttur Ġenerali tagħha hija maqbula minn Aliaksandr Lukashenka, li jiddeċiedi wkoll id-direzzjoni li fiha għandha titmexxa l-kumpanija. Għalhekk, BNK hija assoċjata ma’ entitajiet li jappoġġaw lir-reġim ta' Lukashenka u hija l-proprjeta’ ta’ u kkontrollata minn entitajiet responsabbli għar-repressjoni tas-soċjeta’ ċivili Belarussa u li jappoġġjaw lir-reġim ta’ Lukashenka.	23.4.2026

▼M51

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
61.	China Space Sanjiang Group	Biċ-Ċiniż: 中国航天三江集团有限公司	Indirizz: No. 9 Jinshan Avenue, Dongxihu District, Wuhan City, Hubei Province, China	China Space Sanjiang Group huwa l-kokreatur ta' Volat-Sanjiang Joint Venture Limited Liability Company, u wieħed miż-żewġ sħab ewlenin f'dik l-impriża konġunta. Volat-Sanjiang Joint Venture Limited Liability Company tipproduċi xażi bir-roti għal tagħmir militari, inkluż sistemi ta' llanċjar ta' rokits multipli manifatturati minn Minsk Wheel Tractor Plant. Għalhekk, China Space Sanjiang Group jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tal-Belarussja billi huwa involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari.	23.4.2026
▼M53					
62.	European Trading Company LLC	ООО Европейская Трейдинговая Компания (ETK)	Indirizz: Room 1, 2; 4a Tenishevoy st., Smolensk, 21400, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: 9.10.2012 OGRN: 1126733000063 KPP: 673201001 INN: 6732050064 Post prinċipali tan-negozju: Russia Email: info@etkoil.ru Tel.: +7 (4812) 24 01 15 Sit web: https://www.etkoil.ru Entitajiet assoċjati: OJSC Naftan; OJSC Mozyr Oil Refinery; State Production Association Belorusneft; Belarusian Oil Company (BNK)	European Trading Company (ETK) hija sussidjarja ta' Belarusian Oil Company (BNK), l-esportatur ewlieni tal-Belarussja tal-petroleum. BNK hija proprjetà tal-akbar tliet intrapriżi tal-produzzjoni u tar-raffinar taż-żejt fir-Repubblika tal-Belarussja: Belorusneft, Naftan, u Mozyr Oil Refinery. Permezz tal-istruttura tas-sjieda tagħha, BNK hija kkontrollata mill-istat tal-Belarussja. Bħala sussidjarja ta' BNK, ETK hija wkoll indirettament ikkontrollata minn dawn l-entitajiet u hija proprjetà tagħhom. Il-kumpanija nħolqot biex tbigħ prodotti tal-petroleum prodotti minn Naftan u Mozyr Oil Refinery fit-territorju tal-Federazzjoni Russa. ETK telenka lil BNK, lil Naftan, lil Belorusneft u lil Mozyr Oil Refinery bħala s-sħab tagħha. Għalhekk, ETK hija assoċjata ma', il-proprjetà ta' u kkontrollata minn entitajiet responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili Belarussa u li jappoġġjaw lir-reġim ta' Lukashenka.	23.7.2026

▼M53

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
63.	OJSC Mozyr Oil Refinery OAO magħrufa wkoll bħala Mozyrskii Nefteperera-batyvayushchii Zavod	ОАО Мозырский нефтеперерабатывающий завод	Indirizz: Mikhalki v/c 18, Mozyr district, Gomel region, 247782, Republic of Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa, Raffinerija taż-żejt Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 26.12.1991 Numru tar-reġistrazzjoni: 400091131 Post prinċipali tan-negozju: Belarus Tel: +375 236 37-33-30 Email: office@mnpz.by Sit web: https://mnpz.by Entitajiet assoċjati: Belarus State Property Committee OJSC Naftan; State Production Association Belorusneft; OJSC Belarusian Oil Company (BNK) Belneftekhim; European Trading Company LLC (ETK)	Mozyr Oil Refinery hija waħda miż-żewġ raffineriji taż-żejt fil-Belarussja. Hija parti mill-grupp Belneftekhim, li ilu sanzjonat mill-Unjoni mit-3 ta' Awwissu 2023, u hija kważi kompletament proprjetà tal-istat tal-Belarussja u Slavneft. Ir-raffinerija għandha importanza sinifikanti għar-reġim ta' Lukashenka. Mozyr Oil Refinery hija wkoll sid parzjali ta' Belarusian Oil Company (BNK), l-esportatur ewlieni tal-Belarussja tal-petroleum, flimkien ma' Belorusneft u Naftan. Għalhekk, Mozyr Oil Refinery hija kkontrollata u tibbenefika minn entitajiet li jappoġġaw ir-reġim ta' Lukashenka u hija assoċjata magħhom. Minħabba l-importanza tagħha għall-ekonomija Belarussa, il-kumpanija qed tappoġġa wkoll ir-reġim ta' Lukashenka u tibbenefika minnu.	23.7.2026

▼M46

ANNESS II

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2c(7), 2d(7) U 2da

▼M22

Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja

140 Repair Plant JSC

558 Aircraft Repair Plant JSC

2566 Radioelectronic Armament Repair Plant JSC

AGAT - Control Systems - Managing Company of Geoinformation Control Systems Holding JSC

AGAT - Electromechanical Plant OJSC

AGAT - SYSTEM

ATE - Engineering LLC

BelOMO Holding

Belspetsvneshtechnika SFTUE

Beltechexport CJSC

BSVT-New Technologies

Id-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Gomel

Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Belarussja

KGB Alpha

Kidma Tech OJSC

Minotor-Service

Minsk Wheeled Tractor Plant

Oboronnye Initsiativy LLC

OJS KB Radar Managing Company

Peleng JSC

L-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja

Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja

Transaviaexport Airlines JSC

Volatavto OJSC

▼M45

Legmash Plant OJSC

▼M53

CHIP AND DIP LLC

OJSC Rogachev Plant Diaprojector

DISPLAY DESIGN BUREAU JSC

CJSC “Hull Products Plant”.

▼**M26**

ANNESS III

LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU KBAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2h U 2i

Development Bank of the Republic of Belarus

Belarusbank

Belinvestbank (Belarusian Bank for Development and Reconstruction)

Belagoprombank

Bank Dabrabyt

▼**M10**

_____

▼**M28**

ANNESS IV

LISTA TA' PAJJIŻI SHAB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2C(9)

▼**M52**

ANNESS IVa

Il-lista tal-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 2n, 2u u 5d

▼**M39**

IN-NORVEĠJA

L-IŻVIZZERA

L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA

IL-ĠAPPUN

IR-RENJU UNIT

IL-KOREA T'ISFEL

L-AWSTRALJA

IL-KANADA

NEW ZEALAND

IL-LIECHTENSTEIN

L-IŻLANDA

▼**M32**

ANNESS V

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2Y

Isem il-persuna ġuridika, entità jew korp	Data tal-applikazzjoni
Belagroprombank	20 ta' Marzu 2022
Bank Dabrabyt	20 ta' Marzu 2022
Development Bank of the Republic of Belarus (Bank għall-Iżvilupp tar-Repubblika tal-Belarussja)	20 ta' Marzu 2022
Belinvestbank (Bank Belarussu għall-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni)	l-14 ta' Ġunju 2022

▼**M36**

ANNESS VI

Lista ta' armi tan-nar u armi oħrajn imsemmija fl-Artikoli 1a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
9303	Armi tan-nar oħrajn u mezzi simili li jaħdmu bl-isparar ta' karga ta' splussiv
ex 9304	Armi oħrajn (eż. xkubetti u pistoli bil-molla, bl-arja jew bil-gass), ħlief dawk tal-intestatura 9307.

▼**M52**

ANNESS VII

Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2za

▼**M52**

ANNESS VIII

Lista ta’ kriptoassi u muniti diġitali tal-bank ċentrali msemmija fl-Artikolu 2zb

Kriptoassi jew muniti diġitali tal-bank ċentrali	Dħul fis-seħħ
rublu Diġitali Belarussu	Il-25 ta’ Mejju 2026